MT 2019

Nru 20

Rapport Speċjali

# Sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jappoġġjaw il-kontroll fil-fruntieri – għodda b'saħħitha, iżda teħtieġ aktar enfasi fuq data li tkun f'waqtha u kompleta

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Sommarju eżekuttiv** | I - XII |
| **Introduzzjoni** | 01 - 08 |
| Iż-żona Schengen | 01 - 08 |
| Is-sistemi ta' informazzjoni li jintużaw għall-kontroll tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen | 03 - 08 |
| **Ambitu u approċċ tal-awditjar** | 09 - 15 |
| **Osservazzjonijiet** | 16 - 82 |
| It-tfassil tas-sistemi ta' informazzjoni jiffaċilita verifiki effiċjenti fil-fruntieri, iżda d-dgħufijiet jieħdu ħafna żmien biex jiġu solvuti | 16 - 82 |
| B'mod ġenerali, is-sistemi ta' informazzjoni kienu konformi mar-rekwiżiti tal-UE iżda ma kinux jaħdmu b'effiċjenza ndaqs | 17 - 23 |
| Dewmien fl-implimentazzjoni tal-Eurosur u tal-PNR impedixxa lill-awtoritajiet tal-fruntiera milli jiskambjaw informazzjoni importanti | 24 - 32 |
| L-evalwazzjonijiet ta' Schengen jivvalutaw il-verifiki fil-fruntieri nazzjonali, iżda d-dgħufijiet jieħdu ħafna żmien biex jiġu solvuti | 33 - 43 |
| L-Istati Membri tal-UE jagħmlu użu limitat biss mill-finanzjament disponibbli tal-UE biex itejbu s-sistemi ta' informazzjoni għall-kontroll fil-fruntieri | 44 - 46 |
| Il-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu data kompleta mis-sistemi, fatt li jdgħajjef l-effiċjenza tal-verifiki | 47 |
| L-Istati Membri qed jagħmlu użu dejjem aktar mis-sistemi biex jikkondividu l-informazzjoni, iżda l-verifiki jistgħu jkunu aktar sistematiċi | 48 - 62 |
| L-informazzjoni ma kinitx kompluta f'xi wħud mis-sistemi | 63 - 76 |
| L-avvenimenti mhux dejjem jiġu rreġistrati fil-pront fis-sistemi | 77 - 82 |
| **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** | 83 - 95 |
| **Anness** | |
| Deskrizzjoni qasira tas-sistemi ta' informazzjoni magħżula | |
| **Akronimi u abbrevjazzjonijiet** | |

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Tim tal-awditjar

## Kronoloġija

# Sommarju eżekuttiv

**I** Il-ħolqien taż-żona Schengen abolixxa l-verifiki fil-fruntieri bejn pajjiżi parteċipanti li jinkludu 22 Stat Membru tal-UE u 4 pajjiżi Ewropej oħra. Madankollu, l-abolizzjoni tal-fruntieri interni ssaħħaħ l-importanza ta' kontroll u sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen. Il-kontroll tal-fruntieri esterni huwa ta' interess qawwi għaċ-ċittadini tal-UE u għal partijiet ikkonċernati oħra.

**II** Biex tgħin lill-gwardji tal-fruntieri jikkontrollaw il-fruntieri esterni taż-żona Schengen, l-UE stabbiliet is-sistemi ta' informazzjoni li ġejjin jew oqfsa komuni għall-iskambju ta' informazzjoni: is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II); is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS); l-Eurodac (Database Ewropea ta' Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li jfittxu l-Ażil - Sistema għat-tqabbil ta' marki tas-swaba'). Barra minn hekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) u s-sistemi tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) jipprovdu appoġġ ulterjuri lill-awtoritajiet tal-fruntieri.

**III** L-istabbiliment u ż-żamma ta' dawn is-sistemi kienu jirrikjedu investiment sostanzjali kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati parteċipanti ta' Schengen. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, aħna nistmaw li l-baġit tal-UE pprovda aktar minn EUR 600 miljun biex dawn is-sistemi jiġu stabbiliti. Meta wieħed iqis il-pressjoni dejjem tiżdied fuq il-fruntieri esterni tal-UE kkawżata minn sitwazzjonijiet reċenti ta' sigurtà u migrazzjoni, l-awditu li wettaqna kellu l-għan li jidentifika aspetti fit-tfassil u l-użu ta' dawn is-sistemi li jistgħu jgħinu lill-gwardji tal-fruntieri jagħmlu xogħolhom b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jistgħu jgħinu fl-immirar tal-finanzjament mogħti mill-UE li se jkun disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss b'appoġġ għal dawn is-sistemi.

**IV** Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar tagħna kienet "**Is-sistemi ta' informazzjoni prinċipali tal-UE għas-sigurtà interna qed jappoġġjaw il-kontrolli fil-fruntieri b'mod effiċjenti?**" Aħna nikkonkludu li l-gwardji tal-fruntieri qed jużaw u jiddependu dejjem aktar minn dawn is-sistemi meta jwettqu l-verifiki fil-fruntieri. Madankollu, attwalment hemm xi *data* li mhijiex inkluża fis-sistemi, filwaqt li *data* oħra jew mhijiex kompleta jew inkella ma tiddaħħalx b'mod f'waqtu. Dan inaqqas l-effiċjenza ta' xi verifiki fil-fruntieri.

**V** Aħna sibna li, b'mod ġenerali, is-sistemi huma mfassla tajjeb biex jiffaċilitaw il-verifiki fil-fruntieri u li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri (il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Polonja) li żorna kienu jikkonformaw mal-qafas legali applikabbli. Minkejja dan, il-komponenti nazzjonali SIS II u VIS ta' xi pajjiżi jiffaċilitaw verifiki fil-fruntieri li jisfaw aktar effiċjenti minn oħrajn.

**VI** Kien hemm dewmien twil fl-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IT għall-Eurosur u l-PNR, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali. Dan impedixxa lill-gwardji tal-fruntieri u lil awtoritajiet oħra li jgawdu mill-benefiċċji intenzjonati ta' dawn is-sistemi.

**VII** Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen għandu rwol importanti fis-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE. B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet isiru bir-reqqa u jkunu metodiċi, u jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sistemi. Madankollu, jieħu żmien twil biex l-Istati Membri jirrimedjaw id-dgħufijiet li jkunu ġew identifikati. Dan huwa minħabba nuqqas ta' skadenzi vinkolanti għall-adozzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni kif ukoll nuqqas ta' implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi.

**VIII** Għalkemm l-Istati Membri qed jagħmlu użu dejjem aktar mis-sistemi ta' informazzjoni, dan l-użu jista' jkun aktar sistematiku. Aħna wettaqna stħarriġ fost il-gwardji tal-fruntieri u sibna li aktar minn nofshom kienu, f'xi punt, ħallew nies jaqsmu l-fruntieri mingħajr ma kkonsultaw is-sistemi. Barra minn hekk, osservajna diskrepanza bejn l-għadd ta' viżi maħruġa u l-għadd ta' viżi vverifikati.

**IX** Il-gwardji tal-fruntieri jużaw id-*data* fis-sistemi bħala l-bażi tagħhom biex jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej. Il-kwalità ta' din id-*data* hija għalhekk tal-akbar importanza. F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, ir-responsabbiltà għall-kwalità tad-*data* taqa' taħt l-Istati Membri. Aħna ftit li xejn sibna referenza għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* fl-atti legali li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni Ewropej. Għalkemm l-eu-LISA twettaq verifiki awtomatiċi ta' kull xahar tal-kwalità tad-*data* fis-SIS II, ir-riżultati li nkisbu huma disponibbli biss għall-Istati Membri kkonċernati, u għalhekk mhuwiex possibbli għall-Aġenzija jew għall-Kummissjoni li jevalwaw il-progress li sar minn pajjiżi differenti fl-indirizzar tal-problemi relatati mal-kwalità tad-*data*. La l-eu-LISA u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom setgħat ta' infurzar biex jiżguraw li l-Istati Membri jikkoreġu problemi relatati mal-kwalità tad-*data* b'mod f'waqtu.

**X** Il-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu *data* f'waqtha u kompleta mis-sistemi ta' informazzjoni. Pereżempju, meta l-gwardji tal-fruntieri jiċċekkjaw isem fis-SIS II, huma jistgħu jirċievu mijiet ta' riżultati (fil-biċċa l-kbira, riżultati pożittivi foloz), li huma meħtieġa legalment li jivverifikaw manwalment. Dan mhux biss jirrendi l-verifiki fil-fruntieri anqas effiċjenti, iżda jżid ukoll ir-riskju li l-hits reali jiġu injorati. Ir-rekords inkompleti fis-SIS II jaffettwaw ukoll sistemi oħra marbutin magħha.

**XI** Ħlief fil-każ tal-Eurodac, ġeneralment ma hemm l-ebda skadenza obbligatorja biex tiddaħħal id-*data*. Pereżempju, l-Eurosur suppost tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri. Madankollu, filwaqt li xi wħud mill-pajjiżi koperti mill-awditu li wettaqna tabilħaqq idaħħlu informazzjoni fl-Eurosur fuq bażi ta' ħin reali, oħrajn jagħmlu dan darba fil-ġimgħa biss. Minn meta l-Eurodac bdiet topera fl-2003, ma kienx hemm sena waħda li fiha l-Istati Membri kollha għaddew l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin. It-trażmissjoni mdewma tista' twassal biex jiġi ddeżinjat il-pajjiż il-ħażin bħala dak responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil.

**XII** Aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kummissjoni:

- Jiġi promoss l-użu ta' ambjenti ta' taħriġ għas-SIS II u għall-VIS
- Titħaffef il-korrezzjoni tad-dgħufijiet li jinqabdu matul l-evalwazzjonijiet ta' Schengen
- Jiġu analizzati d-diskrepanzi fil-verifiki tal-viżi
- Jittejbu l-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*
- Jitnaqqas id-dewmien fid-dħul tad-*data*

# Introduzzjoni

## Iż-żona Schengen

**01** Il-ħolqien taż-żona Schengen, li attwalment tinkludi 26 Stat ta' Schengen, (ara l-*Figura 1*), ippermetta lill-vjaġġaturi kollha jaqsmu l-fruntieri interni mingħajr ma jkunu suġġetti għal verifiki fil-fruntieri. Minbarra l-abolizzjoni tal-verifiki fil-fruntieri, il-pajjiżi parteċipanti qablu dwar politika komuni dwar il-viżi u fformalizzaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja.

### Figura 1 – Mappa attwali taż-żona Schengen




*Sors:* Il-Parlament Ewropew.

**02** Żewġ terzi taċ-ċittadini tal-UE jaraw iż-żona Schengen bħala waħda mill-kisbiet prinċipali tal-UE. Madankollu, kważi 70 % jistennew li l-UE tagħmel aktar biex tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha[1].

[1] Ewrobarometru 89.2, 2018.

## Is-sistemi ta' informazzjoni li jintużaw għall-kontroll tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen

**03** L-abolizzjoni tal-fruntieri interni tirrikjedi kontroll u sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni sabiex jiġu evitati l-kriminalità u t-terroriżmu u biex il-migrazzjoni tiġi kkontrollata. Sabiex tgħin lill-gwardji tal-fruntiera jikkontrollaw il-fruntieri esterni taż-żona Schengen, l-UE stabbiliet għadd ta' sistemi ta' informazzjoni jew oqfsa komuni għall-iskambju ta' informazzjoni. Is-sistemi li jintużaw l-aktar huma: is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II); is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS); l-Eurodac (Database Ewropea ta' Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li jfittxu l-Ażil - Sistema għat-tqabbil ta' marki tas-swaba'); is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) u s-sistemi tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) (ara l-*Figura 2*). Barra minn hekk, l-UE qed tiżviluppa żewġ sistemi ta' informazzjoni addizzjonali rilevanti għas-sigurtà tal-fruntieri, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, li jenħtieġ li jkunu operattivi fl-2020 u fl-2021 rispettivament.

### Figura 2 – Sistemi ta' informazzjoni qabel u fil-fruntiera esterna

#### Qabel il-fruntiera

**Eurosur** (2013)

- sorveljanza tal-fruntieri esterni
- qafas għall-iskambju tal-informazzjoni, stampi tas-sitwazzjoni u għodod ta' sorveljanza
- imħaddma mill-Frontex

**PNR** (2018)

- *data* tal-passiġġieri f'titjira
- utenti pubbliċi u privati (linji tal-ajru)
- sistema deċentralizzata, imħaddma minn pajjiżi individwali

#### Fil-fruntiera

**SIS II** (2013)

- informazzjoni dwar persuni nieqsa jew imfittxija
- sistema prinċipali taż-żona Schengen
- imħaddma minn eu-LISA

**VIS** (2015)

- tappoġġja l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża
- użata biex tivverifika l-viżi ta' Schengen
- imħaddma minn eu-LISA

**Eurodac** (2003)

- bażi tad-*data* tal-marki tas-swaba'
- użata għad-dħul/għall-ħruġ u għal proċeduri kriminali
- imħaddma minn eu-LISA

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**04** Il-gwardji tal-fruntieri fl-Istati ta' Schengen jużaw is-SIS II, il-VIS u l-Eurodac biex iwettqu verifiki ta' individwi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri. L-Eurosur u l-PNR jintużaw biex tinkiseb informazzjoni dwar avvenimenti li jseħħu fil-fruntieri esterni tal-UE u lil hinn minnhom u dwar il-passiġġieri fuq titjiriet li jaslu fil-fruntieri. Dawn jgħinu biex jiġu antiċipati avvenimenti rilevanti għas-sigurtà tal-fruntieri. Il-***Figura 3*** turi kif il-gwardji tal-fruntieri huma mistennija li jużaw dawn is-sistemi waqt il-verifiki fil-fruntieri, b'deskrizzjoni aktar dettaljata, inkluż liema mis-sistemi ta' informazzjoni huma disponibbli għal liema pajjiżi, mogħtija fl-***Anness***.

## Figura 3 – L-użu tas-sistemi ta' informazzjoni magħżula għas-sigurtà tal-fruntieri




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**05** Aġenziji nazzjonali differenti tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll l-awtoritajiet doganali, tal-viża u dawk ġudizzjarji huma wkoll utenti tas-sistema. Fl-istess ħin, huma responsabbli biex idaħħlu d-*data* rilevanti f'dawn is-sistemi. Fil-każ tal-PNR, l-informazzjoni hija pprovduta mil-linji tal-ajru.

**06** Il-gwardji tal-fruntieri (u awtoritajiet oħra) li jużaw is-sistemi fl-Istati Membri għandhom aċċess għas-sistemi ċentrali tal-UE permezz tas-sistemi nazzjonali tagħhom stess, li huma żviluppati speċifikament għal dan l-iskop. Il-leġiżlaturi tal-UE stabbilew rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali fid-dritt tal-Unjoni[2].

**07** Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, b'mod speċifiku d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME), għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-iżvilupp u l-iffinanzjar tas-sistemi ta' informazzjoni, ħlief il-PNR li ma għandux komponent ċentrali fil-livell tal-UE (iżda jista' jibbenefika mill-finanzjament tal-UE). Sa mill-2012, il-Kummissjoni inkarigat lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") bil-ħżin tad-*data* u ż-żamma tas-SIS II, tal-Eurodac, u tal-VIS. Sadanittant, l-Eurosur hija mmaniġġjata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA), magħrufa bħala l-Frontex, u mill-Istati Membri.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 għas-SIS II, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI dwar is-SIS II Nru 767/2008 għall-VIS, ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 għall-Eurodac u r-Regolament (UE) Nru 1052/2013 għall-Eurosur. Id-Direttiva (UE) 2016/681 għall-PNR.

**08** Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, aħna nistmaw li l-baġit tal-UE pprovda aktar minn EUR 600 miljun[3] biex ikopri l-ispejjeż tal-istabbiliment tal-komponenti fil-livell tal-UE għas-sistemi koperti mill-awditu li wettaqna. L-ispiża totali annwali biex is-sistemi jiġu operati kien madwar EUR 61.5 miljun[4]. Barra minn hekk, l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-iżvilupp u tal-manutenzjoni tas-sistemi nazzjonali mill-baġits tagħhom stess. Għalkemm l-informazzjoni dwar l-infiq tal-Istati Membri fis-sistemi nazzjonali tagħhom mhux dejjem tkun disponibbli, hemm indikazzjonijiet li dawn l-ammonti huma sinifikanti. Pereżempju, l-Istati Membri nefqu madwar EUR 235 miljun biex jistabbilixxu s-SIS II minbarra EUR 95 miljun imħallsa mill-baġit tal-UE[5].

[3] Dan l-ammont huwa bbażat fuq informazzjoni inkluża f'dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni jew fuq informazzjoni li nkisbet mis-sistema kontabilistika (għas-SIS II u għall-VIS). Dan l-ammont ma jkoprix l-ispiża għall-iżvilupp tal-Eurodac, li għalih ma kienet disponibbli l-ebda ċifra aggregata.

[4] Din tinkludi l-impenji tal-eu-LISA għall-2017 relatati direttament mas-sistemi ta' informazzjoni koperti mill-awditu u l-impenji tal-Frontex għall-2017 relatati mal-Eurosur, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għas-SIS/għall-VIS/għall-Eurodac mid-DĠ Home 2017.

[5] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 03/2014 "Tagħlimiet mill-iżvilupp imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)".

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**09** L-UE qed taħdem mingħajr waqfien biex ittejjeb is-sigurtà fil-fruntieri tagħha, li huwa suġġett importanti għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Meta wieħed iqis il-pressjoni dejjem tiżdied fuq il-fruntieri esterni tal-UE kkawżata minn sitwazzjonijiet reċenti ta' sigurtà u migrazzjoni, l-awditu li wettaqna kellu l-għan li jidentifika aspetti fit-tfassil u l-użu ta' dawn is-sistemi li jistgħu jgħinu lill-gwardji tal-fruntieri jagħmlu xogħolhom b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jistgħu jgħinu fl-immirar tal-finanzjament tal-UE li se jkun disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss b'appoġġ għal dawn is-sistemi.

**10** Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet:

- Is-sistemi ta' informazzjoni prinċipali tal-UE għas-sigurtà interna qed jappoġġjaw il-kontrolli fil-fruntieri b'mod effiċjenti?

**11** Din il-mistoqsija tal-awditjar kienet maqsuma fis-sottomistoqsijiet li ġejjin:

- Is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna huma mfassla tajjeb biex jiffaċilitaw il-verifiki effiċjenti fil-fruntieri?
- Is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna jipprovdu lill-gwardji tal-fruntieri informazzjoni rilevanti, f'waqtha u kompleta waqt il-verifiki fil-fruntieri?

**12** L-awditu li wettaqna kien ikopri l-ħames sistemi li ġejjin: is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II); is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS); l-Eurodac (Database Ewropea ta' Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li jfittxu l-Ażil - Sistema għat-tqabbil ta' marki tas-swaba'); is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) u s-sistemi tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR).

**13** Aħna vvalutajna kemm is-sistemi (kemm komponenti nazzjonali kif ukoll dawk ċentrali tas-sistemi tal-UE) ippermettew lill-gwardji tal-fruntieri u uffiċjali oħra biex jiċċekkjaw individwi li jidħlu fiż-żona Schengen f'punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati[6].Dawn jinkludu punti ta' qsim tal-fruntieri tal-art, portijiet tal-baħar u ajruporti (li, għal xi Stati Membri, huma l-uniċi fruntieri esterni tal-UE).

[6] Aħna diġà eżaminajna xi aspetti marbutin mal-migrazzjoni illegali fir-Rapport Speċjali Nru 6/2017 "Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati: l-approċċ 'hotspot'" u se nkomplu nanalizzaw dawn il-kwistjonijiet f'pubblikazzjonijiet futuri.

14 Aħna analizzajna d-dokumenti strateġiċi, l-evalwazzjonijiet u l-istatistika relatati mal-ħames sistemi koperti mill-awditu li wettaqna, kif ukoll dokumenti diversi relatati mal-implimentazzjoni tagħhom kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Barra minn hekk, żorna l-punti ta' qsim tal-fruntieri u intervistajna l-awtoritajiet tal-fruntieri fil-Finlandja, fi Franza, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fil-Polonja. Intervistajna wkoll il-persunal tad-DĠ HOME, tal-Frontex u tal-eu-LISA.

15 Wettaqna wkoll stħarriġ tal-gwardji tal-fruntieri tal-UE fi 28 Stat Membru tal-UE u 4 Stati assoċjati ma' Schengen (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) biex niksbu l-fehmiet tagħhom bħala utenti tas-sistemi. Aħna rċevejna 951 risposta.

# Osservazzjonijiet

## It-tfassil tas-sistemi ta’ informazzjoni jiffaċilita verifiki effiċjenti fil-fruntieri, iżda d-dgħufijiet jieħdu ħafna żmien biex jiġu solvuti

**16** Aħna vvalutajna jekk l-Istati ta’ Schengen li żorna kinux stabbilew is-sistemi ta’ informazzjoni kif u meta meħtieġa mil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Eżaminajna wkoll il-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni ta’ Schengen u sa liema livell l-Istati ta’ Schengen kienu użaw il-finanzjament disponibbli tal-UE biex jistabbilixxu u jtejbu s-sistemi nazzjonali tagħhom.

### B’mod ġenerali, is-sistemi ta’ informazzjoni kienu konformi mar-rekwiżiti tal-UE iżda ma kinux jaħdmu b’effiċjenza ndaqs

**17** Filwaqt li kull Stat ta’ Schengen għandu r-responsabbiltà unika għall-protezzjoni tal-fruntieri tiegħu stess, il-kooperazzjoni effettiva bejniethom biex jipproteġu ż-żona tirrikjedi ċertu livell ta’ armonizzazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri. Ir-rekwiżiti minimi ta’ governanza jgħinu biex jiżguraw il-konsistenza u l-kwalità tal-verifiki fil-fruntieri kif ukoll tad-*data* li tiddaħħal fis-sistemi ta’ informazzjoni.

**18** Kull Stat ta’ Schengen irid jistabbilixxi s-sistemi nazzjonali komplementari tiegħu stess, li jorbtu mas-sistemi ċentrali tal-UE. L-Istati ta’ Schengen li żorna kienu lkoll għamlu dan f’konformità mar-rekwiżiti ddefiniti fil-leġiżlazzjoni rilevanti. Minkejja dan, sibna li, filwaqt li s-sistemi kollha ssodisfaw ir-rekwiżiti minimi komuni, mhux is-sistemi nazzjonali kollha kienu effiċjenti b’mod indaqs. Il-paragrafi li ġejjin jipprovdu xi eżempji ta’ dan.

**19** Xi pajjiżi ma jagħmlux disponibbli l-funzjonijiet kollha offruti fis-sistemi ċentrali tal-UE permezz tas-sistemi nazzjonali tagħhom, u b’hekk inaqqsu l-effiċjenza tal-verifiki fil-fruntieri. Pereżempju, is-sistema ċentrali SIS II toffri l-għażla li taħżen u tivverifika l-marki tas-swaba’. Dan huwa importanti għaliex mhux dejjem ikun possibbli li tidentifika unikament persuna mid-*data* personali bażika bħall-isem jew id-data tat-twelid. Din id-*data* tista’ tkun iffalsifikata, jew persuna tista’ tirrifjuta li tipprovdiha. Il-marki tas-swaba’ jagħmluha possibbli li tiġi identifikata persuna b’livell ta’ ċertezza ferm ogħla. Madankollu, l-għażla biex jitwettaq tiftix bijometriku abbażi tal-marki tas-swaba’ maħżuna fis-SIS għadha mhijiex disponibbli fis-sistemi nazzjonali kollha tal-Istati ta’ Schengen, billi xi wħud minnhom jirrikjedu aktar żmien minn oħrajn biex

jimplimentaw is-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa. Meta l-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' kienet disponibbli fil-livell ċentrali, kienu biss 10 Stati ta' Schengen li kkonfermaw li kienu lesti biex jużawha.

**20** Il-gwardji tal-fruntieri li jiċċekkjaw viża jew passaport kultant jirċievu messaġġi ta' żball mis-sistemi. Dawn jista' jkollhom bosta kaġuni, bħal marki tas-swaba' ta' kwalità insuffiċjenti, problemi bil-konnettività jew problemi biex tinqara l-viża. Filwaqt li s-sistemi ċentrali tal-UE s-soltu jindikaw in-natura tal-iżball, xi sistemi nazzjonali, bħal dawk tal-Lussemburgu u tal-Finlandja, sempliċement jissenjalaw il-fatt li seħħ żball mingħajr ma jipprovdu dijanjożi. Dan ifisser li l-gwardji tal-fruntieri jridu jinvestigaw il-kaġun tal-iżball u potenzjalment jirreferu l-passiġġier għal aktar verifikazzjoni (magħrufa bħala "it-tieni linja ta' kontroll"), u b'hekk il-verifiki tagħhom u l-vjaġġ tal-passiġġier jiddewmu.

**21** Fil-każ tas-SIS II, l-Istati ta' Schengen jistgħu jew ikollhom aċċess għal u jippreżentaw il-mistoqsijiet fid-database ċentrali jew inkella joħolqu l-kopji nazzjonali tagħhom stess għal dan l-iskop. Filwaqt li l-biċċa l-kbira minnhom iħaddmu l-kopji nazzjonali tagħhom stess, xi wħud (id-Danimarka, il-Finlandja, il-Liechtenstein, in-Norveġja u s-Slovenja) jaqbdu direttament mad-database Ewropea. Fejn l-Istati ta' Schengen jużaw kopji nazzjonali tas-SIS II, dawn iridu jkunu sinkronizzati mad-database ċentrali Ewropea f'kull ħin sabiex jiġi żgurat li l-verifiki fil-fruntieri jkunu bbażati fuq l-aktar informazzjoni aġġornata. Madankollu, fi tnejn mill-pajjiżi fil-kampjun tagħna (il-Polonja u Franza), l-evalwazzjonijiet indikaw diskrepanzi bejn ir-rekords fil-kopji nazzjonali u fid-database ċentrali.

**22** Aħna sibna wkoll li ċerti restrizzjonijiet legali fil-livell ta' Stat Membru (regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà nazzjonali) ma ppermettewx li ssir kondiviżjoni effiċjenti tar-riżorsi umani. Fil-fatt, il-gwardji tal-fruntieri li jżuru pajjiż ieħor ta' Schengen (eż. biex jassistu fil-kontrolli msaħħa waqt il-kriżi tal-migrazzjoni fil-Greċja u fl-Italja) ma għandhomx permess jużaw is-sistemi nazzjonali ta' dak il-pajjiż. Bħala prinċipju, ma jistgħux iwettqu kontrolli b'mod indipendenti, iżda jgħinu biss lill-gwardji nazzjonali tal-fruntieri. Filwaqt li jistgħu jipprovdu livelli differenti ta' għajnuna fit-tieni linja ta' kontroll (eż. Stat ta' Schengen għandu mnejn juża espert dwar dokumenti foloz minn Stat ieħor ta' Schengen), dawn jistgħu jipprovdu għajnuna limitata biss matul il-verifiki tad-dokumenti fil-punti ta' qsim tal-fruntieri (fl-ewwel linja ta' kontroll). Ostakolu ieħor huwa l-isfidi lingwistiċi marbuta mal-ħidma fi Stat ieħor ta' Schengen.

**23** Il-benefiċċju li l-gwardji tal-fruntieri jieħdu mis-sistemi jiddependi minn kemm huma mħarrġa sew biex jużawhom. Aħna sibna li ma kien hemm l-ebda ambjent ta' taħriġ għas-SIS II u għall-VIS, implimentat fuq livell nazzjonali fl-Istati Membri li żorna, għaldaqstant il-gwardji tal-fruntiera kellhom jipprattikaw fuq dawn is-sistemi f'ambjent "live" minflok f'ambjent "sikur" fejn setgħu jesperjenzaw karatteristiċi u xenarji li ma jiltaqgħux magħhom ta' spiss fuq ix-xogħol (eż. hit li tidentifika terrorist suspettat f'punt ta' qsim tal-fruntiera, jew minorenni nieqes).

## Dewmien fl-implimentazzjoni tal-Eurosur u tal-PNR impedixxa lill-awtoritajiet tal-fruntiera milli jiskambjaw informazzjoni importanti

**24** Għall-Eurosur u l-PNR, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni kienu differenti għal dawk is-sistemi li jiġu żviluppati u mmaniġġjati mill-eu-LISA. Għal raġunijiet differenti, l-implimentazzjoni taż-żewġ sistemi batiet minn xi dati ta' skadenza mhux irrispettati u dewmien. B'riżultat ta' dan, informazzjoni importanti li dawn is-sistemi kienu maħsuba biex jipprovdu baqgħet mhux disponibbli għal bosta xhur.

**25** L-Eurosur ġiet żviluppata mill-Frontex (il-komponent Ewropew) u mill-Istati Membri (il-komponenti nazzjonali). L-interfaċċja tagħha għall-utent aħħari hija l-istess għall-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti kollha. Is-sistema hija maħsuba biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Frontex u l-Istati Membri tal-UE, biex ikun hemm titjib fl-għarfien tagħhom u fir-rispons tagħhom għas-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu b'informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri tagħhom (magħrufa bħala "l-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali" tagħhom, filwaqt li juru informazzjoni dwar qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, kriminalità transkonfinali, sitwazzjonijiet ta' kriżi u avvenimenti oħra rilevanti għall-kontroll tal-fruntieri esterni) sabiex tinbena intelliġenza kondiviża u stampa tas-sitwazzjoni fl-Ewropa kollha. Dan huwa utli, pereżempju, biex tingħata prijorità lill-iskjerament tal-gwardji tal-fruntiera jew biex jinqabdu vetturi/bastimenti suspettużi.

**26** Id-dewmien fir-rigward tal-Eurosur kien jikkonċerna l-ħolqien taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCCs). L-NCCs jikkoordinaw l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni. Ir-regolament dwar l-Eurosur kien jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu l-NCCs tagħhom sa Diċembru 2014. Madankollu, kważi erba' snin wara f'evalwazzjoni nstab li bosta Stati Membri għadhom mhumiex konformi kompletament ma' dan ir-rekwiżit[7]. Barra

[7] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR), COM(2018) 632 final.

minn hekk, nofs l-Istati Membri biss kienu qed jikkondividu informazzjoni fakultattiva dwar l-iskjerament minnhom tar-riżorsi ta' sorveljanza u informazzjoni addizzjonali mill-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom.

**27** L-implimentazzjoni tal-Eurosur kienet ukoll waqgħet lura fil-livell tal-UE. Il-Frontex ma kisbitx iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà meħtieġa għan-netwerk tagħha sa tmiem l-2017 – tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni. Mingħajr din iċ-ċertifikazzjoni, ma kienx possibbli li tiġi kondiviża l-informazzjoni klassifikata fuq in-netwerk tal-Eurosur. Id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Eurosur fisser li l-istampa tas-sitwazzjoni fl-UE kollha ma kinitx kompleta, u dan fixkel il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.

**28** Il-PNR għadu mhuwiex kompletament operattiv. B'differenza mis-sistemi l-oħra, dan ġie stabbilit permezz ta' direttiva aktar milli ta' regolament. B'konsegwenza ta' dan, tħalla f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu s-sistemi tal-PNR tagħhom stess separatament, mingħajr l-ebda pjattaforma Ewropea komuni. Id-deċiżjoni favur implimentazzjoni deċentralizzata kienet xprunata prinċipalment minn nuqqas ta' kunsens dwar il-protezzjoni, il-ħżin u d-divulgazzjoni ta' *data* personali.

**29** Ħafna Stati Membri ma implimentawx il-PNR b'mod f'waqtu. Erbatax-il Stat Membru naqsu milli jimplimentaw ir-regoli dwar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri fil-ħin[8]. Kien mistenni li sal-25 ta' Mejju 2018 ikunu konformi mad-direttiva[9]. Madankollu, sa tmiem Marzu 2019, 10 xhur wara d-data ta' skadenza, Spanja, in-Netherlands u l-Finlandja kienu għadhom ma nnotifikawx lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura meħuda fuq livell nazzjonali biex jimplimentaw il-PNR[10].

**30** Il-PNR jirrikjedi li d-*data* tal-passiġġieri tingħadda mit-titjiriet kollha lejn u miż-żona Schengen. Fiż-żmien tal-awditu li wettaqna, l-ebda wieħed mill-Istati Membri li żorna, ħlief il-Lussemburgu, ma kien ikkonkluda ftehim għal dan l-iskop mal-linji tal-ajru rilevanti kollha.

---

8 http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-18-4486_mt.htm

9 Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.

10 http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-19-1472_mt.htm

31 Il-PNR kien maħsub biex ikun għodda importanti għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni tat-terroriżmu u ta' forom oħra ta' kriminalità serja. Permezz ta' tqabbil tad-*data* tal-PNR ma' informazzjoni li tinsab fid-databases tas-sigurtà, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jaqbdu individwi perikolużi. Il-fatt li xi sistemi tal-PNR għadhom mhumiex stabbiliti jċaħħad lill-awtoritajiet tal-fruntieri f'dawk il-pajjiżi minn informazzjoni bil-quddiem dwar individwi ta' riskju għoli li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri tagħhom.

32 Peress li l-PNR jiġbor biss *data* ta' identifikazzjoni u vvjaġġar tal-passiġġieri, huwa jeħtieġ databases oħra biex jivverifika jekk passiġġier partikolari joħloqx theddida għas-sigurtà. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jużaw is-SIS II għal dan l-iskop. Madankollu, ir-regolament jagħti lok għal interpretazzjonijiet differenti. Pereżempju, Franza interpretat ir-regolament dwar is-SIS II b'mod li ma jippermettilhiex tuża l-mistoqsijiet tas-SIS II fuq il-listi tal-passiġġieri. Fil-prattika, dan ifisser li meta tiċċekkja l-listi tal-passiġġieri għal terroristi suspettati, Franza tuża biss l-informazzjoni mid-databases nazzjonali tagħha. Jekk ikun hemm twissija dwar suspettat fis-SIS II, u dak is-suspettat huwa magħruf minn awtoritajiet oħra Ewropej iżda mhux mill-awtoritajiet Franċiżi, il-verifika tal-PNR tagħhom ma taqbadx lil dik il-persuna.

## L-evalwazzjonijiet ta' Schengen jivvalutaw il-verifiki fil-fruntieri nazzjonali, iżda d-dgħufijiet jieħdu ħafna żmien biex jiġu solvuti

33 Mill-2013 'il hawn, l-Istati ta' Schengen u l-Kummissjoni għandhom responsabbiltà konġunta għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni previst fir-regoli dwar iż-żona Schengen (l-"Acquis ta' Schengen"). L-għan tal-mekkaniżmu huwa li jiżgura li l-Istati ta' Schengen japplikaw ir-regoli ta' Schengen b'mod effettiv, konsistenti u trasparenti. Aħna eżaminajna jekk l-għan tal-mekkaniżmu huwiex qed jintlaħaq.

34 Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali attwali ġie stabbilit fl-2014 għall-perjodu 2015-2019 u jkopri s-26 pajjiż ta' Schengen kollha. Kull pajjiż jiġi evalwat darba matul il-perjodu ta' ħames snin

35 Il-***Kaxxa 1*** tiddeskrivi żjara ta' evalwazzjoni standard. Il-membri tat-tim ta' evalwazzjoni jiġu nnominati mill-Istati ta' Schengen fuq il-bażi ta' sejħa għal nominazzjonijiet introdotta mill-Kummissjoni (kull evalwazzjoni għandha sejħa separata għal nominazzjonijiet, bi skadenza ta' ġimagħtejn għall-Istati ta' Schengen biex jaħtru r-rappreżentanti tagħhom). L-evalwaturi mill-eu-LISA jistgħu jipparteċipaw f'dawn iż-żjarat, iżda ma jipparteċipawx fihom regolarment. L-ispiża tal-

evalwazzjonijiet ta' Schengen hija relattivament baxxa meta mqabbla man-nefqa fuq is-sistemi ta' informazzjoni. Għall-perjodu 2014-2018, il-Kummissjoni allokat EUR 11.9 miljun għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen. Il-programm pluriennali attwali ġie implimentat kif ippjanat permezz ta' programmi ta' evalwazzjoni annwali.

### Kaxxa 1

### Iż-żjarat tat-tim ta' evalwazzjoni ta' Schengen fl-Istati ta' Schengen

F'Lulju tas-sena ta' qabel li jkollha ssir iż-żjara ta' evalwazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati jirċievu kwestjonarju standard, li jkunu jridu jwieġbu għalih fi żmien tmien ġimgħat. It-tim ta' evalwazzjoni jħejji ż-żjarat tiegħu fuq il-bażi tat-tweġibiet li jirċievi.

Iż-żjarat ta' evalwazzjoni normalment idumu ġimgħa. It-timijiet jikkonsistu minn massimu ta' tmien esperti li jinħatru mill-Istati ta' Schengen, flimkien ma' żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni. Il-membri tat-tim għandhom tipi differenti ta' għarfien espert, li jippermettilhom ikopru l-aspetti kollha tal-Acquis ta' Schengen. Kull tim huwa mmexxi minn żewġ esperti ewlenin (wieħed mill-Istati Membri u l-ieħor mill-Kummissjoni), li huma responsabbli għall-kontenut u l-kwalità tar-rapport finali.

Iż-żjarat jibdew fuq livell strateġiku, b'laqgħat fil-ministeri u fil-kwartieri ġenerali tal-awtorità tal-fruntieri, segwiti minn attivitajiet fuq livell operattiv. Il-membri tat-tim ta' evalwazzjoni jiġu allokati għall-oqsma differenti tal-għarfien espert tagħhom u jiltaqgħu ma' prattikanti nazzjonali differenti, bħal gwardji tal-fruntieri, uffiċjali tal-pulizija u esperti tal-IT.

Pereżempju, matul l-evalwazzjoni ta' Schengen li saret fl-2017 rigward l-implimentazzjoni tas-SIS II fi Franza, it-tim żar 38 post fuq is-sit, inklużi ċ-Ċentru Nazzjonali tal-IT tas-SIS II, għases tal-pulizija, uffiċċji doganali, portijiet, ajruporti u stazzjonijiet tal-ferrovija.

**36** Aħna eżaminajna l-evalwazzjonijiet ta' Schengen tal-pajjiżi li żorna. Sibna li dawn l-evalwazzjonijiet kienu saru bir-reqqa u b'mod metodiku, u kienu jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sistemi. Kienu jipprovdu sett dettaljat ta' rakkomandazzjonijiet operazzjonali u rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar it-titjib tas-sistemi ta' informazzjoni. Madankollu, jista' jieħu bosta snin biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati.

**37** L-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni jitlesta sitt ġimgħat wara l-missjoni ta' evalwazzjoni, iżda tista' tgħaddi sena qabel ma l-Kummissjoni tadotta r-rapport u l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjonijiet. Dan jinvolvi għadd kbir ta' proċeduri għall-konsultazzjonijiet mal-Istat ta' Schengen u mal-Kummissjoni. Ma hemm l-ebda dati ta' skadenza miftiehma għal dawn il-konsultazzjonijiet.

**38** Ladarba l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjonijiet, l-Istati ta' Schengen ikkonċernati jkollhom tliet xhur biex jippreżentaw pjan ta' azzjoni biex jindirizzaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Dan il-pjan ta' azzjoni jeħtieġ li jiġi rivedut u approvat mill-Kummissjoni u mit-tim ta' evalwazzjoni.

**39** Ma hemm l-ebda data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, għalkemm l-Istati ta' Schengen iridu jibdew jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom sitt xhur wara li l-pjan jiġi approvat. Dan ifisser li mill-mument meta nuqqas jinqabad, jista' jieħu kważi sentejn qabel Stat ta' Schengen jibda jirrapporta dwar l-azzjoni korrettiva li jkun ħa. Il-***Figura 4*** turi l-proċedura wara żjara ta' evalwazzjoni.

## Figura 4 – Il-passi proċedurali tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**40** Sa issa, l-ebda Stat ta' Schengen għadu ma kien suġġett għal aktar minn żjara ta' evalwazzjoni waħda mħabbra taħt iċ-ċiklu attwali ta' evalwazzjonijiet. Il-Kummissjoni toqgħod fuq ir-rappurtar proprju mwettaq mill-Istati ta' Schengen dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-pjan ta' azzjoni miftiehem. Għaldaqstant hemm riskju li d-defiċjenzi jibqgħu mhux indirizzati sal-fażi li jmiss ta' evalwazzjonijiet ħames snin wara. Imbagħad jistgħu jgħaddu sentejn oħra biex l-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż jimplimentaw azzjoni korrettiva.

**41** Il-Kummissjoni tista' tissuġġerixxi li jitwettqu żjarat ta' segwitu jekk Stat ta' Schengen jonqos milli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu, iżda ma hemm l-ebda mekkaniżmu ieħor fis-seħħ biex jinforza l-implimentazzjoni. Fit-teorija, jekk jiġu identifikati defiċjenzi serji persistenti fi Stat ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-Kunsill jista', abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, jirrakkomanda li l-pajjiż jintroduċi mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri tiegħu ma' Stati oħra ta' Schengen.

**42** Skont ir-regolament tal-2013 dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen[11], il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjonijiet imwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet li saru u l-qagħda attwali fir-rigward ta' azzjoni ta' rimedju. Il-Kummissjoni għadha ma pproduċietx tali rapport.

**43** Bl-eċċezzjoni tal-Finlandja, li r-rapport ta' evalwazzjoni tagħha ma kienx ġie kkompletat fiż-żmien meta sar l-awditu, l-Istati kollha ta' Schengen li żorna kienu ġew suġġetti għal evalwazzjoni. Segwejna l-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom u sibna varjetà ta' rati ta' implimentazzjoni. Skont l-evidenza pprovduta, il-Polonja kienet implimentat 79 % tar-rakkomandazzjonijiet tagħha sentejn wara ż-żjara ta' evalwazzjoni, Franza kienet implimentat 87 % tar-rakkomandazzjonijiet erba' snin wara ż-żjara ta' evalwazzjoni u l-Lussemburgu, li ġie evalwat fl-2018, implimenta 92 % tar-rakkomandazzjonijiet. L-evidenza mill-Italja tat x'tifhem li, sentejn wara ż-żjara ta' evalwazzjoni, il-pajjiż kien fil-proċess li jimplimenta 15 % tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

## L-Istati Membri tal-UE jagħmlu użu limitat biss mill-finanzjament disponibbli tal-UE biex itejbu s-sistemi ta' informazzjoni għall-kontroll fil-fruntieri

**44** L-istrument prinċipali tal-UE għall-appoġġ tal-kontroll fil-fruntieri huwa l-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) b'allokazzjoni inizjali ta' EUR 3.8 biljun għall-perjodu 2014-2020. Huwa magħmul minn:

- FSI Fruntieri (EUR 2.76 biljun), li jipprovdi appoġġ għall-immaniġġjar tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viżi. L-Istati kollha tal-UE minbarra l-Irlanda u r-Renju Unit jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-istrument FSI Fruntieri. L-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) jipparteċipaw ukoll fl-istrument FSI Fruntieri u Viżi.
- FSI Pulizija (EUR 1.04 biljun), li jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluża l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. L-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka u r-Renju Unit jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-FSI Pulizija.

[11] L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013.

**45** Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda nefqa sinifikanti sal-2017. Billi l-infiq beda tard, l-Istati Membri damu biex użaw il-flus. Skont il-Kummissjoni, dan huwa dovut prinċipalment minħabba l-proċeduri ta' akkwist ikkumplikati involuti. L-Istati Membri koperti mill-awditu osservaw ukoll il-piż amministrattiv addizzjonali li dan jinvolvi. Pereżempju, huma osservaw li anke żieda żgħira fl-ammont allokat għal programm nazzjonali tirrikjedi reviżjoni kompleta ta' dak il-programm.

**46** Il-pajjiżi koperti mill-awditu li wettaqna ddedikaw bejn 3 % u 29 % tal-allokazzjonijiet tagħhom taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna (EUR 61.2 miljun) għall-ħames sistemi awditjati (ara l-*Figura 5*). Minn dan, huma allokaw 43 % (EUR 26.5 miljun) għal proġetti ta' manutenzjoni u 57 % (EUR 34.7 miljun) għal proġetti ta' estensjoni. Huma użaw dawn il-flus l-aktar għall-manutenzjoni tas-SIS II u tal-VIS u għall-estensjonijiet tal-Eurosur u tal-PNR.

### Figura 5 – Perċentwal mill-finanzjament tal-FSI allokat għall-proġetti tal-IT




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri bbażata fuq id-*data* tal-Kummissjoni Ewropea.

## Il-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu *data* kompleta mis-sistemi, fatt li jdgħajjef l-effiċjenza tal-verifiki

**47** Aħna vvalutajna sa liema livell l-Istati Membri jikkondividu informazzjoni rilevanti, f'waqtha u kompleta permezz tas-sistemi ta' informazzjoni koperti mill-awditu. Aħna analizzajna l-istatistika disponibbli sabiex nivvalutaw kemm il-pajjiżi ta' Schengen qed jużaw is-sistemi għall-verifiki fil-fruntieri tagħhom u għall-iskambju ta' informazzjoni. Barra minn hekk, eżaminajna jekk dawn il-pajjiżi daħħlux id-*data* kompleta mill-ewwel.

## L-Istati Membri qed jagħmlu użu dejjem aktar mis-sistemi biex jikkondividu l-informazzjoni, iżda l-verifiki jistgħu jkunu aktar sistematiċi

**48** Mill-mument li l-individwi jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera għaż-żona Schengen, il-gwardji tal-fruntieri jirrikjedu sistemi ta' informazzjoni Ewropej biex jgħinuhom jikkonfermaw l-identità tal-persuna u jivverifikaw li huma awtorizzati jidħlu fiż-żona Schengen.

**SIS II**

**49** Jenħtieġ li kwalunkwe Stat ta' Schengen b'informazzjoni dwar persuna li tiġi interċettata fil-fruntiera (kif preskritt fil-leġiżlazzjoni rilevanti) joħloq twissija fis-SIS II. Dan jippermetti lill-gwardji tal-fruntiera fi kwalunkwe pajjiż parteċipant biex jaġixxu fuqha meta jiltaqgħu ma' dak l-individwu waqt il-verifiki fil-fruntiera (ara l-*Kaxxa 2*).

### Kaxxa 2

### Hit fuq il-persuna fil-mira t-tajba

Meta persuna tippreżenta dokument tal-ivvjaġġar, il-gwardja tal-fruntiera tuża skanner, li jaqra identifikatur fuq id-dokument tal-ivvjaġġar. Id-dokumenti l-aktar moderni fihom ċippa elettronika, filwaqt li dokumenti aktar antiki għandhom kodiċi speċjali fil-qiegħ tal-paġna (magħrufa bħala l-parti li tinqara minn magna jew MRZ) u xi dokumenti ma għandhom xejn (pereżempju, ħafna mill-karti tal-identità Taljani). Jekk l-għadd tad-dokument ma jkunx jista' jinqara mill-iskanner, il-gwardja tal-fruntiera jista' jdaħħlu fis-sistema manwalment.

Abbażi tad-*data* trasferita fuq il-kompjuter, tintbagħat mistoqsija fuq il-persuna lid-databases nazzjonali jew Ewropej ta' SIS II. Jekk ikun hemm konkordanza bejn ir-rekord fid-database u d-*data* miġbura mill-gwardja tal-fruntiera, din tissejjaħ *hit*.

Jekk it-twissija inizjali rreġistrata fid-database ġiet maħluqa f'pajjiż li mhux dak li minnu tintbagħat il-mistoqsija, il-hit tissejjaħ *hit barranija*.

Il-hits jistgħu jseħħu jekk l-awtoritajiet rilevanti jkunu rreġistraw persuna bħala mfittxija, jew jekk id-dokument tal-ivvjaġġar ikun ġie mmarkat fis-sistema.

Madankollu, xi kultant l-awtoritajiet li joħorġu twissija ma jkollhomx l-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex jidentifikaw persuna b'mod uniku. Għaldaqstant, jista' jkun hemm tqabbil għal individwu li fil-fatt mhuwiex il-persuna mfittxija, iżda jkollu l-istess isem. Dan it-tip ta' tqabbil jissejjaħ *pożittiva falza*. F'dawn il-każijiet, il-gwardji tal-fruntiera jridu jieħdu passi ulterjuri sabiex jistabbilixxu l-identità ta' dik il-persuna.

Il-bijometrika (jiġifieri l-marki tas-swaba') ġeneralment titqies bħala mod kif tiġi identifikata persuna b'mod uniku, u huwa għalhekk li għadd dejjem jiżdied ta' twissijiet fis-SIS II jinkludu informazzjoni dwar il-marki tas-swaba'.

50 Sibna li, bejn l-2013 u l-2017, l-għadd ta' hits relatati ma' persuni u oġġetti mfittxija bbażati fuq twissijiet li joriġinaw f'pajjiżi oħra kważi ttripla (ara l-*Figura 6*).

### Figura 6 – L-għadd ta' hits fis-SIS II ibbażati fuq twissijiet minn pajjiżi oħra




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-eu-LISA.

51 L-għadd akbar ta' hits huwa konsistenti maż-żieda kostanti fl-għadd ta' twissijiet fis-SIS II, minn madwar 50 miljun fl-2013 għal aktar minn 76 miljun fl-2017. Il-biċċa l-kbira mit-twissijiet (76 %) jikkonċernaw dokumenti mitlufa jew misruqa.

**52** Skont id-*data* tal-Eurostat[12], l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma tħallewx jidħlu fil-fruntieri esterni varja minn dak baxx ta' 440 000 fl-2017 għal dak għoli ta' kważi 500 000 fl-2009. Is-sistemi ta' informazzjoni jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-identifikazzjoni tar-raġunijiet irrappurtati l-aktar tipiċi għar-rifjut. Madankollu, l-Istati ta' Schengen mhux dejjem jispeċifikaw jew jirreġistraw ir-raġuni għalfejn individwu ġie rrifjutat fil-fruntiera esterna.

**53** Kif deskritt hawn fuq, l-għadd ta' mistoqsijiet ippreżentati lis-sistemi ta' informazzjoni qiegħed dejjem jikber. Waqt l-intervisti li saru matul l-awditu, l-awtoritajiet nazzjonali ddikjaraw li huma jivverifikaw kull individwu li jipprova jaqsam il-fruntiera esterna. Madankollu, l-istħarriġ tagħna żvela li aktar minn nofs il-gwardji tal-fruntiera kienu f'sitwazzjoni fejn kellhom jiddeċiedu jekk iħallux lil xi ħadd jgħaddi mingħajr ma jikkonsultaw is-sistemi.

## Figura 7 – Stħarriġ: Qatt kellek tieħu deċiżjoni dwar jekk tħallix persuna tgħaddi mingħajr ma stajt tikkonsulta d-*data* mis-sistema?




*Sors:* Stħarriġ tal-QEA.

[12] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-datasets/-/migr_eirfs

54 L-użu tas-sistemi ta' informazzjoni jiddependi wkoll mill-ambjent estern li fih isiru l-verifiki. Xi tipi ta' qsim tal-fruntieri huma aktar diffikultużi minn oħrajn. Pereżempju, il-verifiki mwettqa abbord vapuri spiss ibatu minn problemi bil-konnettività. Matul iż-żjarat tagħna f'żewġ pajjiżi, osservajna problemi bħal dawn li ma jippermettux it-twettiq ta' verifiki kompleti fil-fruntieri. It-twettiq ta' verifiki fuq il-ferroviji mexjin joħloq sfidi tekniċi simili.

**Eurodac**

55 Eżempju ieħor ta' skambju akbar tad-*data* fost l-Istati ta' Schengen huwa permezz tas-sistema Eurodac, li tippermettilhom jirreġistraw lil dawk li jfittxu l-ażil u lill-persuni li jippruvaw jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari billi jieħdu l-marki tas-swaba' tagħhom. Mill-2003 'l hawn, hemm ftehim[13] bejn l-Istati Membri tal-UE li l-applikazzjonijiet għall-ażil jenħtieġ li jiġu pproċessati fil-pajjiż fejn l-applikant l-ewwel jiddikjara l-intenzjoni tiegħu jew tagħha li jfittex l-ażil. Kull meta amministrazzjoni nazzjonali tqabbel il-marki tas-swaba' ta' persuna ma' dawk irreġistrati fl-Eurodac, tirċievi lura hit jekk dik il-persuna tkun talbet għall-ażil qabel f'pajjiż ieħor tal-UE u jenħtieġ li tintbagħat hemm.

56 L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil li saru minn individwi li diġà kienu ppreżentaw applikazzjoni għall-ażil fi Stat Membru ieħor kiber sinifikattivament sal-2016, li kienet il-quċċata tal-kriżi tal-migrazzjoni. Il-biċċa l-kbira mill-applikanti ppruvaw ifittxu l-ażil fi Franza jew fil-Ġermanja wara li inizjalment waslu f'pajjiż ieħor tal-UE, kif jidher fil-***Figura 8***.

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ir-"Regolament Dublin II").

## Figura 8 – Dawk li jfittxu l-ażil b'applikazzjoni preċedenti fi Stat Membru ieħor




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-eu-LISA.

**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri**

**57** Il-PNR hija sistema ġdida. Filwaqt li l-Istati Membri jikkondividu bażi legali komuni għall-implimentazzjoni tagħha, il-kapaċità tagħhom li jużawha biex jiskambjaw l-informazzjoni tibqa' limitata, kif spjegat fil-paragrafu ***28***.

**Eurosur**

**58** L-użu tal-Eurosur huwa irregolari ħafna fost l-Istati Membri. Bejn l-2013 u l-2017, aktar minn 140 000 inċident ġew irreġistrati fl-Eurosur. Madankollu, bosta pajjiżi parteċipanti ma rreġistrawx għadd sinifikanti ta' inċidenti[14]. L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja u s-Slovenja rreġistraw inqas minn 5 000 inċident kull wieħed, filwaqt li l-Ungerija, l-aktar pajjiż attiv, irreġistrat aktar minn 25 000. It-tip ta' informazzjoni li l-Istati Membri jikkondividu tvarja wkoll. Jistgħu jagħżlu jekk idaħħlux biss informazzjoni obbligatorja (pereżempju *data* relatata mal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali u informazzjoni mis-sorveljanza tal-fruntieri tal-art u tal-baħar) jew informazzjoni addizzjonali estiża bħal informazzjoni

[14] Ir-Regolament ta' Evalwazzjoni (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri, SWD(2018) 410, 19.12.2018.

dwar miżuri legali jew amministrattivi wara l-interċettazzjoni u informazzjoni dwar il-fruntieri tal-ajru u l-verifiki fil-punti ta' qsim tal-fruntieri. Pereżempju l-Finlandja għażlet li tikkondividi l-informazzjoni kollha mill-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali tagħha, kemm obbligatorja kif ukoll fakultattiva, filwaqt li l-Polonja u Franza jdaħħlu biss l-informazzjoni obbligatorja.

**VIS**

**59** L-Istati ta' Schengen għandhom politika komuni dwar il-viżi. Jistgħu joħorġu viżi komuni għal żjara qasira li jippermettu lid-detentur joqgħod sa 90 jum fi kwalunkwe wieħed mis-26 pajjiż ta' Schengen. Fl-2018, l-Istati ta' Schengen ħarġu aktar minn 14-il miljun viża ta' dan it-tip[15].

**60** Is-sistema tagħmilha possibbli li tiġi vverifikata l-identità ta' detentur ta' viża ta' Schengen kullimkien fiż-żona Schengen. Id-detentur ta' viża ta' Schengen jista' jaqsam il-fruntieri esterni taż-żona diversi drabi u jista' jagħmel dan fi Stati ta' Schengen differenti. L-istatistika tal-VIS turi l-għadd ta' drabi li jsiru mistoqsijiet dwar il-viżi fil-fruntieri. Fl-ewwel disa' xhur tal-2017, 35 miljun verifika tal-viżi twettqu fuq il-fruntieri, meta mqabbla ma' 12-il miljun viża maħruġa f'dak il-perjodu. L-għadd ta' verifiki mwettqa jvarja sinifikattivament fost l-Istati ta' Schengen.

**61** Sibna li bejn Ottubru 2015 u Settembru 2017, il-ħames pajjiżi (Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u l-Greċja) li ħarġu l-ogħla għadd ta' viżi wettqu inqas verifiki tal-viżi fil-fruntieri tagħhom mill-għadd ta' viżi maħruġa. Għal total ikkombinat ta' kważi 18-il miljun viża maħruġa, dawn il-pajjiżi wettqu inqas minn 14-il miljun verifika.

**62** Fit-teorija, dan jista' jkun minħabba li għadd sinifikanti ta' vjaġġaturi b'viża maħruġa minn dawk il-pajjiżi daħlu fiż-żona Schengen minn pajjiż ieħor, jew ipposponew jew ikkanċellaw il-vjaġġi tagħhom. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-biċċa l-kbira mill-vjaġġaturi x'aktarx japplikaw għal viża mill-pajjiż li biħsiebhom jidħlu fih, u li l-viża ta' Schengen tiswa l-flus[16], dan jista' jindika li l-viżi ma jiġux ivverifikati sistematikament fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha.

---

[15] https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/visa-policy#stats

[16] Viża Schengen tiswa EUR 60.

## L-informazzjoni ma kinitx kompluta f'xi wħud mis-sistemi

**63** Il-kwalità tad-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni hija tal-akbar importanza. Id-dħul tad-*data* fis-sistema huwa r-responsabbiltà tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll tal-awtoritajiet tal-fruntiera nazzjonali tal-Istati Membri. Il-gwardji tal-fruntieri jużaw din id-*data* bħala l-bażi tagħhom biex jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej.

**64** F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, ir-responsabbiltà għall-kwalità tad-*data* taqa' taħt l-Istati Membri. Għaldaqstant, sibna ftit li xejn referenza għall-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* fil-livell tal-UE. Kien biss ir-Regolament dwar l-Eurodac li stabbilixxa l-bażi għal qafas ta' kontroll tal-kwalità tal-marki tas-swaba' billi qiegħed lill-eu-LISA responsabbli għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità.

**65** Ir-regolament dwar is-SIS II ma involviex lill-Kummissjoni jew lill-eu-LISA fil-proċess tal-kwalità tad-*data*. Minflok, għamel lill-Istati Membri responsabbli għall-preċiżjoni, it-tempestività u r-rilevanza tad-*data* fis-sistema[17]. L-Uffiċċji Nazzjonali jikkoordinaw il-funzjonament tas-SIS II u huma responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kontroll tal-kwalità tal-informazzjoni mdaħħla fis-sistemi[18].

**66** Fl-2018, il-kwalità tad-*data* kisbet prominenza permezz tar-regolament il-ġdid tal-eu-LISA[19], li jassenja lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA r-responsabbiltajiet fil-proċess ta' aċċertament tal-kwalità tad-*data*. Ir-regolament introduċa r-rekwiżit li l-eu-LISA twettaq verifiki awtomatizzati tal-kwalità tad-*data* u tirrapporta dwar l-indikaturi tal-kwalità tad-*data* għas-SIS II, għall-VIS u għall-Eurodac.

**67** Minn April 2017 'il hawn, l-eu-LISA wettqet verifiki awtomatizzati ta' kull xahar dwar il-kwalità tad-*data* fuq ċerti twissijiet tas-SIS II (eż. għal problemi bit-traslitterazzjoni ta' ismijiet minn lingwi b'alfabetti mhux Latini, jew verifiki awtomatizzati li jinqabżu billi jiddaħħal kliem ġeneriku bħal "MHUX MAGĦRUF"). Dawn il-verifiki jiġġeneraw rapport li jelenka t-twissijiet individwali bi problemi potenzjali relatati mal-kwalità u jgħadduha direttament lill-pajjiż ikkonċernat. Madankollu, f'konformità mar-rekwiżiti legali dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-eu-LISA nfisha ma tistax

[17] L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006.

[18] L-Artikolu 7, *idem*.

[19] L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1726 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

tara dawn it-twissijiet individwali – l-aġenzija tista' tara biss in-numri aggregati ta' problemi relatati mal-kwalità għal kull tip ta' twissija u għal kull pajjiż.

**68** Ir-rapporti ta' kull xahar juru madwar 3 miljun twissija li jindikaw problemi potenzjali relatati mal-kwalità tad-*data* (minn total medju ta' rekords li jammontaw għal 82 miljun), li jfisser li din id-*data* tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* tal-SIS II. Sibna li la l-eu-LISA u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom setgħat ta' infurzar biex jiżguraw li l-Istati Membri jikkoreġu problemi relatati mal-kwalità tad-*data* b'mod f'waqtu. Tabilħaqq, ir-rapporti ta' kull xahar ma juru l-ebda tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' twissijiet relatati mal-kwalità tad-*data* għas-SIS II. Barra minn hekk, billi l-eu-LISA ma tistax tara t-twissijiet individwali, ma għandha l-ebda mod li tkun taf jekk it-twissijiet f'xahar partikolari humiex ġodda jew għadhomx mhux solvuti minn rapporti preċedenti. Minbarra din l-istampa ġenerali, li hija ta' użu limitat bħala għodda ta' ġestjoni tal-kwalità, ma ksibna l-ebda evidenza ta' verifiki tal-kwalità tad-*data* awtomatizzati oħra fil-livell tal-UE.

**69** Skont l-evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fir-rigward tas-SIS II[20], l-Istati ta' Schengen irreferew għall-problemi ta' kwalità tad-*data* bħala problema frekwenti u rikorrenti. B'mod ġenerali, żewġ problemi prinċipali relatati mal-kwalità tad-*data* joħorġu mill-pajjiżi li żorna: waħda tikkonċerna l-kompletezza tad-*data*, u l-oħra tikkonċerna dewmien fid-dħul tad-*data* fis-sistemi.

**70** Jenħtieġ li d-*data* fis-sistema tippermetti lill-gwardji tal-fruntiera jidentifikaw b'mod uniku lill-persuna li tkun qed tiġi vverifikata u jiddeterminaw jekk għandhomx iħalluha tgħaddi. Sibna li, xi kultant, il-gwardji tal-fruntieri ma jingħatawx informazzjoni adegwata mis-sistema biex jieħdu din id-deċiżjoni.

**71** Pereżempju, sibna twissijiet fejn l-ewwel isem tal-persuna kien imdaħħal bħala kunjom u d-dati tat-twelid kienu nieqsa jew mhux kompluta, u dan jagħmilha diffiċli biex persuna tiġi identifikata[21]. Bħala riżultat ta' problemi bħal dawn, meta l-gwardji

---

[20] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) f'konformità mal-Artikoli 24(5), 43(3) u 50(5) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikoli 59(3) u 66(5) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, 21.12.2016, p. 11.

[21] Bosta Stati Membri semmew problemi relatati mal-kwalità tad-*data* bħala problema frekwenti u rikorrenti skont il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tas-SIS II. Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) skont l-Artikoli 24(5), 43(3) u 50(5) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikoli 59(3) u 66(5) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, 21.12.2016.

tal-fruntieri jiċċekkjaw isem fis-SIS II, huma jistgħu jirċievu mijiet ta' riżultati (l-aktar pożittivi foloz), li huma jridu jiċċekkjaw manwalment. Dan mhux biss jirrendi l-kontroll fuq il-fruntieri anqas effiċjenti, iżda wkoll iżid ir-riskju li hits reali jiġu injorati.

**72** Ir-rekords mhux kompleti fis-SIS II inaqqsu wkoll l-effiċjenza ta' sistemi oħra marbuta magħha. Pereżempju, meta l-awtoritajiet tal-Istati ta' Schengen ikunu qed jiċċekkjaw l-informazzjoni dwar il-passiġġieri fil-lista tal-PNR, normalment jiċċekkjawha bi tqabbil mat-twissijiet fis-SIS II. Twissijiet mhux kompleti jiġġeneraw għadd kbir ta' pożittivi foloz li jindikaw b'mod żbaljat li passiġġier huwa suspettat. Billi kull twissija trid tiġi ċċekkjata manwalment, dan jiġġenera ammont ta' xogħol sinifikanti għall-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li jipproċessaw il-listi tal-PNR. Barra minn hekk id-*data* tal-PNR tista' wkoll tkun mhux kompleta. Id-*data* pprovduta mis-sistemi ta' prenotazzjoni tagħhom jista' jkun fiha biss ftit informazzjoni bħall-ismijiet tal-passiġġieri u n-numru tat-titjira.

**73** Il-VIS tista' tirreġistra biss viżi ta' Schengen li jkunu fuq terminu qasir, għalkemm l-Istati ta' Schengen għadhom jużaw aktar minn 200 tip differenti ta' viżi nazzjonali u permessi ta' residenza biex jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jidħlu u jivvjaġġaw fiż-żona Schengen. Dawn il-permessi huma rreġistrati biss f'databases nazzjonali, li mhumiex kondiviżi ma' pajjiżi oħra. Fl-2017, inħarġu kważi 2.6 miljun permess ta' dan it-tip fiż-żona Schengen[22]. Attwalment ma hemm l-ebda bażi legali kif jiġu rreġistrati dawn il-permessi fis-sistema VIS ċentrali.

**74** Il-Kummissjoni identifikat dan in-nuqqas ta' informazzjoni u attwalment qed taħdem fuq regolament biex tindirizza l-kwistjoni[23]. Madankollu, peress li dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar jistgħu jkunu validi għal 10 snin, dawn jibqgħu barra mis-sistema għal snin qabel ma n-nuqqas ta' informazzjoni jimtela.

---

[22] Statistika tal-Eurostat (l-ewwel permessi fl-2017): http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=migr_resfirst&lang=en

[23] COM(2018) 302, Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI.

**75** Fir-rigward tal-Eurosur, waħda mid-dgħufijiet hija l-fatt li l-Istati Membri jippreżentaw ir-rapporti tagħhom f'formati differenti. Dan ifisser li l-informazzjoni ma tistax tiġi aggregata faċilment u tista' lanqas biss tkun aċċessibbli għal Stati Membri oħra għal raġunijiet tekniċi.

**76** Id-*data* ġeneralment tiddaħħal fl-Eurosur manwalment. Meta jkun hemm żieda fl-avvenimenti fil-fruntieri, jista' jkun diffiċli għall-operatur li jirreġistra dawn malajr fis-sistema. Bħala riżultat tista' tbati l-kwalità tad-*data*[24]. Barra minn hekk, xi Stati Membri jirrapportaw inċidenti fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li oħrajn jipprovdu biss *data* aggregata. Xi Stati Membri joħolqu rapport ta' inċident għal kull individwu, filwaqt li oħrajn joħolqu rapport ta' inċident wieħed li jkopri bosta persuni. Dan jirrendi l-istatistika dwar l-għadd ta' inċidenti rrappurtati mill-Istati Membri bħala irrelevanti, minħabba li ma turix l-iskala vera tal-problema. Jagħmilha wkoll diffiċli għall-Frontex biex timmonitorja l-iżviluppi u tipprijoritizza l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali kif meħtieġ.

## L-avvenimenti mhux dejjem jiġu rreġistrati fil-pront fis-sistemi

**77** Il-gwardji tal-fruntieri jeħtieġ li jkollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-persuni li jaqsmu l-fruntiera sabiex jagħmlu xogħolhom b'mod effettiv. Madankollu, xi kultant, l-Istati Membri ma jdaħħlux l-informazzjoni malli jsiru jafu biha.

**78** Id-*data* tal-PNR hija ġġenerata waqt il-prenotazzjoni, u l-linji tal-ajru huma suġġetti għal multi jekk il-listi tal-passiġġieri jaslu tard. Għall-VIS, id-*data* tiġi ġġenerata awtomatikament meta tinħareġ viża. Għall-Eurodac hemm data ta' skadenza legali biex tiddaħħal l-informazzjoni dwar l-applikanti għall-ażil. Madankollu, is-SIS II u l-Eurosur ma għandhomx tali limiti ta' żmien speċifiċi għad-dħul tal-informazzjoni[25].

**79** L-Eurosur suppost tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri, iżda l-puntwalità tal-informazzjoni tiddependi minn kemm l-Istati Membri jdaħħluha fil-pront. Xi wħud mill-pajjiżi koperti mill-awditu li wettaqna tabilħaqq

---

[24] Sors: Evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur), 12.9.2018, p. 44.

[25] Id-*data* tal-PNR tiġi ġġenerata waqt il-prenotazzjoni, u l-linji tal-ajru huma suġġetti għal multi jekk il-listi tal-passiġġieri jaslu tard. Għall-VIS, id-*data* tiġi ġġenerata awtomatikament meta tinħareġ il-viża.

idaħħlu informazzjoni fl-Eurosur fuq bażi ta’ ħin reali, filwaqt li oħrajn jagħmlu dan darba fil-ġimgħa biss. Dan ifisser li inċident fil-fruntiera (jiġifieri grupp kbir ta’ migranti li jaslu) għandu mnejn ma jidhirx fis-sistema Ewropea sa ġimgħa wara.

**80** Ir-Regolament ta’ Dublin[26] jiddikjara li l-pajjiż li minnu dawk li jfittxu l-ażil daħlu għall-ewwel darba fl-Unjoni Ewropea huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil. L-Istati Membri għandhom limitu ta’ żmien massimu ta’ 72 siegħa[27] biex jieħdu l-marki tas-swaba’ u jgħadduhom lill-Eurodac, sa mill-mument li persuna tfittex l-ażil jew li tiġi interpellata waqt qsim irregolari tal-fruntiera. Jekk il-persuna li tfittex l-ażil tmur fi Stat Membru ieħor, it-trażmissjoni mdewma tista’ twassal biex l-Istat Membru l-ħażin jiġi ddeżinjat bħala dak responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil (ara l-paragrafi *55*-*56*).

## Stampa 1 – Ġbir tal-marki tas-swaba’ għar-reġistrazzjoni fl-Eurodac



© UE, 2015/Sors: KE - Servizz Awdjoviżiv/Fotografu: Angelos Tzortzinis

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

[27] L-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar l-Eurodac.

**81** Minn meta l-Eurodac bdiet topera, ma kienx hemm sena waħda li fiha l-Istati Membri kollha jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin. Il-medja tal-ħinijiet tat-trażmissjoni ta' 15-il pajjiż qabżet il-limitu ta' żmien biex jiddaħħlu l-marki tas-swaba' fl-2017 – ara l-*Figura 9*. Għalkemm ir-Regolament jipprevedi derogi dwar l-iskadenzi għad-dħul tad-*data*, ma ġie stabbilit l-ebda mekkaniżmu biex jiddistingwihom minn dewmien irregolari.

## Figura 9 – Dewmien medju fit-trażmissjoni tal-marki tas-swaba' fl-2017




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-eu-LISA, ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-2017 tas-sistema ċentrali tal-Eurodac.

**82** Kif jidher fil-*Figura 9*, Spanja damet, pereżempju, 30 jum bħala medja biex tgħaddi l-marki tas-swaba' fl-Eurodac fl-2017. Dan ifisser li persuna li ġiet interpellata waqt qsim irregolari ta' fruntiera għal ġo Spanja kellha, bħala medja, 30 jum biex tasal fi Stat Membru ieħor u tapplika għall-ażil hemmhekk. L-awtoritajiet f'dak il-pajjiż l-ieħor li jiċċekkjaw il-marki tas-swaba' bi tqabbil mad-*data* fl-Eurodac ma kienu se jsibu l-ebda tqabbil. B'konsegwenza ta' dan, il-pajjiż l-ieħor kien ikun obbligat jipproċessa l-applikazzjoni għall-ażil tal-persuna.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**83** Aħna eżaminajna jekk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna jappoġġjawx il-kontrolli fil-fruntieri b'mod effiċjenti. Ikkonkludejna li l-gwardji tal-fruntieri qed jużaw u jiddependu dejjem aktar minn dawn is-sistemi meta jwettqu l-verifiki fil-fruntieri. Madankollu, attwalment hemm xi *data* li mhijiex inkluża fis-sistemi, filwaqt li *data* oħra mhijiex kompleta jew inkella ma tiddaħħalx b'mod f'waqtu. Dan inaqqas l-effiċjenza ta' xi verifiki fil-fruntieri.

**84** Sibna li, b'mod ġenerali, is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE kienu mfassla tajjeb biex jiffaċilitaw il-verifiki fil-fruntieri. Il-pajjiżi li żorna stabbilew is-sistemi tagħhom f'konformità mal-qafas legali applikabbli. Madankollu, xi komponenti i nazzjonali SIS II u VIS kienu jiffaċilitaw verifiki fil-fruntieri li sfaw aktar effiċjenti minn oħrajn (ara l-paragrafi *17*-*21*).

**85** Filwaqt li l-Istati Membri qed jikkondividu dejjem aktar l-informazzjoni permezz tas-sistemi, restrizzjonijiet legali (protezzjoni tad-*data* u regoli tas-sigurtà nazzjonali) ma jippermettux il-kondiviżjoni tar-riżorsi umani. Il-gwardji tal-fruntieri li jżuru Stati Membri oħra ma jistgħux jaċċessaw is-sistemi ta' informazzjoni tal-pajjiżi ospitanti tagħhom biex iwettqu verifiki fil-fruntieri. Aħna osservajna wkoll li s-sistemi ġew stabbiliti mingħajr ambjent ta' taħriġ li fih il-gwardji tal-fruntieri setgħu jipprattikaw xenarji li ma jiltaqgħux magħhom ta' spiss fuq ix-xogħol (ara l-paragrafi *22*-*23*).

## Rakkomandazzjoni 1 – Jiġi promoss l-użu ta' ambjenti ta' taħriġ għas-SIS II u għall-VIS

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-użu tal-ambjenti ċentrali ta' taħriġ għas-SIS II u l-VIS mill-Istati Membri, li jkun jippermetti lill-gwardji tal-fruntiera biex matul it-taħriġ tagħhom jesperjenzaw sitwazzjonijiet tal-ħajja reali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2020.**

**86** L-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IT xi kultant kellha dewmien, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Erba' snin wara li r-regolament dwar l-Eurosur daħal fis-seħħ, nofs l-Istati Membri biss kienu qed jikkondividu l-informazzjoni obbligatorja u fakultattiva kollha fuq il-pjattaforma tal-Eurosur. Erbatax-il pajjiż naqsu milli jimplimentaw ir-regoli dwar id-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri fil-ħin. Dan impedixxa lill-awtoritajiet tal-fruntieri milli jkollhom stampa sħiħa tas-sitwazzjoni

fil-fruntieri esterni taż-żona Schengen kif ukoll minn informazzjoni bil-quddiem dwar individwi ta' riskju għoli li jkunu qed jaqsmuhom (ara l-paragrafi *24*-*32*).

**87** Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen għandu rwol importanti fil-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati ta' Schengen mar-regoli ta' Schengen. Sibna li, b'mod ġenerali, dawn l-evalwazzjonijiet kienu saru bir-reqqa u b'mod metodiku, u kienu jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sistemi. Madankollu, jieħu żmien twil biex l-Istati ta' Schengen jirrimedjaw id-dgħufijiet li jkunu ġew identifikati matul l-evalwazzjonijiet. Dan huwa minħabba n-nuqqas ta' skadenzi għall-adozzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni korrettivi (ara l-paragrafi *33*-*41*).

**88** Il-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligu tagħha li tirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjonijiet li saru. Sibna li sa erba' snin wara l-evalwazzjonijiet tagħhom, l-ebda wieħed mill-Istati ta' Schengen koperti mill-awditu ma kien implimenta bis-sħiħ il-pjanijiet ta' azzjoni tiegħu. Dan juri li l-proċess ta' evalwazzjoni ma jirrimedjax malajr id-dgħufijiet identifikati (ara l-paragrafi *42*-*43*).

## Rakkomandazzjoni 2 – Titħaffef il-korrezzjoni tad-dgħufijiet li jinqabdu matul l-evalwazzjonijiet ta' Schengen

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) meta tippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill, previst skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tinkludi informazzjoni dwar id-dewmien li ġie iffaċċjat fl-implimentazzjoni evalwata tal-Istati ta' Schengen tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

(b) tipproponi miżuri leġiżlattivi u proċedurali xierqa sabiex tqassar il-perjodu ta' żmien taċ-ċiklu ta' evalwazzjoni ta' Schengen.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2020.**

**89** L-UE tipprovdi lill-Istati Membri b'finanzjament mill-Fond tas-Sigurtà Interna għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni koperti mill-awditu li wettaqna. Bħala medja, il-pajjiżi li żorna ddedikaw 15 % tal-allokazzjonijiet tal-Fond tas-Sigurtà Interna tagħhom għal dawn il-ħames sistemi. Huma użaw dawn il-flus tal-UE l-aktar għall-manutenzjoni tas-SIS II u tal-VIS u għall-estensjonijiet tal-Eurosur u tal-PNR (ara l-paragrafi *44*-*46*).

**90** Sibna li l-Istati Membri qed jagħmlu użu dejjem akbar mis-sistemi. Bejn l-2013 u l-2017, l-għadd ta' hits fis-SIS II relatati ma' persuni u oġġetti mfittxija bbażat fuq twissijiet li joriġinaw f'pajjiżi oħra kważi ttripla (ara l-paragrafi ***47***-***58***).

**91** Madankollu, dan l-użu jista' jkun aktar sistematiku. L-istħarriġ tagħna jiżvela li aktar minn nofs il-gwardji tal-fruntieri kienu f'sitwazzjoni fejn kellhom jiddeċiedu jekk iħallux lil xi ħadd jgħaddi mingħajr ma jikkonsultaw is-sistemi. B'mod partikolari, aħna osservajna diskrepanza bejn l-għadd ta' viżi maħruġa u l-għadd ta' viżi vverifikati. Barra minn hekk, il-VIS tista' tittratta biss viżi ta' Schengen li jkunu fuq terminu qasir – attwalment mhijiex maħsuba biex takkomoda *data* dwar viżi nazzjonali, li wkoll jippermettu lid-detenturi jidħlu fi kwalunkwe Stat ta' Schengen. Fl-2017 biss, inħarġu kważi 2.6 miljun minn dawn il-viżi (ara l-paragrafi ***59***-***62***). Il-Kummissjoni identifikat dan in-nuqqas ta' informazzjoni u ppreżentat proposta biex tirrevedi l-qafas legali tal-VIS.

## Rakkomandazzjoni 3 – Jiġu analizzati d-diskrepanzi fil-verifiki tal-viżi

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet għal diskrepanzi bejn l-għadd ta' viżi ta' Schengen maħruġa u l-għadd ta' viżi vverifikati, u tipproponi miżuri korrettivi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2020.**

**92** Il-gwardji tal-fruntieri jużaw id-*data* fis-sistemi bħala l-bażi tagħhom biex jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej. Il-kwalità ta' din id-*data* hija għalhekk tal-akbar importanza. Sibna ftit li xejn referenza għall-problema relatata mal-kwalità tad-*data* fl-atti legali li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni Ewropej. Ir-Regolament dwar is-SIS II ta lill-Istati Membri r-responsabbiltà għall-kwalità tad-*data* u ma involviex lill-Kummissjoni jew lill-eu-LISA (ara l-paragrafi ***63***-***65***).

**93** Għalkemm l-eu-LISA twettaq verifiki awtomatiċi ta' kull xahar tal-kwalità tad-*data* fis-SIS II u tgħaddi r-riżultati lill-pajjiżi kkonċernati, l-Aġenzija tista' tara biss l-għadd aggregat tal-problemi relatati mal-kwalità identifikati għall kull tip ta' twissija u għal kull pajjiż. Dan ir-rapport mhuwiex dettaljat biżżejjed biex juri l-progress li jkun sar fl-indirizzar ta' problemi relatati mal-kwalità tad-*data*. Barra minn hekk, la l-eu-LISA u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom setgħat ta' infurzar biex jiżguraw li l-Istati ta' Schengen jikkoreġu problemi relatati mal-kwalità tad-*data* b'mod f'waqtu (ara l-paragrafi ***67***-***70***).

**94** Sibna li l-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu *data* f'waqtha u kompleta mis-sistemi ta' informazzjoni, li jdgħajjef l-effiċjenza tal-verifiki fil-fruntieri. Pereżempju, meta l-gwardji tal-fruntieri jiċċekkjaw isem fis-SIS II, huma jistgħu jirċievu mijiet ta' riżultati (fil-biċċa l-kbira, riżultati pożittivi foloz), li huma jridu jivverifikaw manwalment. Dan mhux biss jirrendi l-verifiki fil-fruntieri anqas effiċjenti, iżda wkoll iżid ir-riskju li hits reali jiġu injorati (ara l-paragrafi *71*-*76*).

## Rakkomandazzjoni 4 – Jittejbu l-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) titlob lill-eu-LISA tinkludi, fil-monitoraġġ ta' kull xahar tagħha, statistika dwar il-korrezzjonijiet li jsiru mill-Istati ta' Schengen.

(b) jekk il-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* ma jindikax titjib tieħu l-passi meħtieġa, eż. permezz ta' gwida jew gruppi konsultattivi eżistenti, biex tħeġġeġ lill-Istati ta' Schengen iżidu l-azzjonijiet korrettivi tagħhom.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2020**

**95** Ħlief fil-każ tal-Eurodac, ġeneralment ma hemm l-ebda data ta' skadenza obbligatorja biex tiddaħħal id-*data*. Pereżempju, l-Eurosur suppost tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni. Madankollu, filwaqt li xi wħud mill-pajjiżi koperti mill-awditu li wettaqna tabilħaqq idaħħlu informazzjoni fl-Eurosur fuq bażi ta' ħin reali, oħrajn jagħmlu dan darba fil-ġimgħa biss. Minn meta l-Eurodac bdiet topera fl-2003, ma kienx hemm sena waħda li fiha l-Istati Membri kollha għaddew l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin. It-trażmissjoni mdewma tista' twassal biex jiġi ddeżinjat il-pajjiż il-ħażin bħala dak responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil (ara l-paragrafi *77*-*82*).

## Rakkomandazzjoni 5 – Jitnaqqas id-dewmien fid-dħul tad-*data*

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tanalizza l-kawżi ta' dewmien irregolari fid-dħul tad-*data* tal-Eurodac u tieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-Istati Membri kkonċernati.

(b) fir-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-Eurosur, tipproponi li jiġu introdotti skadenzi vinkolanti għad-dħul tad-*data*.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2021.**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sinjura Bettina JAKOBSEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-
8 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Klaus-Heiner Lehne
*President*

# Anness

## Deskrizzjoni qasira tas-sistemi ta’ informazzjoni magħżula

### SIS II

Is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) hija l-aktar sistema użata u bl-akbar kondiviżjoni ta’ informazzjoni għas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Ewropa. Is-SIS II tagħti l-kapaċità lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-pulizija u l-gwardji tal-fruntieri, biex jidħlu u jikkonsultaw it-twissijiet dwar persuni jew oġġetti. Twissija tas-SIS mhux biss ikun fiha informazzjoni dwar persuna jew oġġett partikolari iżda wkoll struzzjonijiet għall-awtoritajiet dwar x’għandhom jagħmlu meta jinstabu l-persuna jew l-oġġett.

Is-SIS II tikkonsisti fi tliet komponenti ewlenin: sistema ċentrali, is-sistemi nazzjonali u infrastruttura ta’ komunikazzjoni (netwerk) bejn is-sistemi. Twissija mdaħħla fis-SIS II fi Stat ta’ Schengen wieħed tingħadda f’ħin reali fis-sistema ċentrali. Imbagħad issir disponibbli fl-Istati l-oħra kollha ta’ Schengen.

Kull Stat ta’ Schengen li juża s-SIS II huwa responsabbli biex jistabbilixxi, jopera u jżomm is-sistema nazzjonali tiegħu u l-Uffiċċju SIRENE tiegħu, li jservi bħala punt ta’ kuntatt uniku għall-iskambju ta’ informazzjoni supplimentari u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet relatati ma’ allerti SIS II.

L-Aġenzija tal-UE għal Sistemi ta’ Informazzjoni fuq skala kbira (eu-LISA) hija responsabbli għall-ġestjoni operattiva tas-sistema ċentrali u għall-infrastruttura ta’ komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għas-superviżjoni u l-evalwazzjoni ġenerali tas-sistema u għall-adozzjoni ta’ miżuri ta’ implimentazzjoni.

Is-SIS II topera fi 30 pajjiż Ewropew, inklużi 26 Stat Membru tal-UE (l-Irlanda u Ċipru biss għadhom mhumiex konnessi mas-SIS II) u 4 Pajjiżi Assoċjati ma’ Schengen (l-Iżvizzera, in-Norveġja, Liechtenstein u l-Iżlanda).

## VIS

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tappoġġja l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi. Permezz tagħha, l-Istati ta' Schengen jistgħu jiskambjaw *data* dwar il-viżi. Is-sistema tista' twettaq tqabbil bijometriku, primarjament tal-marki tas-swaba', għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifikazzjoni.

Il-VIS tagħti l-kapaċità lill-gwardji tal-fruntieri biex jivverifikaw li l-persuna li tippreżenta viża hija d-detentur leġittimu tagħha, li l-viża hija awtentika u li l-persuna għadha tissodisfa r-rekwiżiti tal-viża.

Ir-ritratt diġitali u l-10 marki tas-swaba' jinġabru mill-persuni li japplikaw għal viża. Din id-*data* bijometrika, flimkien ma' *data* pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni għall-viża, jiġu rreġistrati f'database ċentrali sigura. L-użu ta' *data* bijometrika biex tikkonferma l-identità tad-detentur tal-viża jippermetti verifiki aktar veloċi, preċiżi u siguri. Is-sistema tiffaċilita wkoll il-proċess tal-ħruġ tal-viżi.

Il-VIS tikkonsisti f'sistema tal-IT ċentrali u f'infrastruttura ta' komunikazzjoni li tgħaqqad is-sistema ċentrali mas-sistemi nazzjonali. Il-VIS tgħaqqad il-konsulati f'pajjiżi terzi u l-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni kollha tal-Istati ta' Schengen. Tipproċessa u taħżen *data* u deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjonijiet għal viżi għal żjara qasira.

Bħala strument ta' Schengen, il-VIS tapplika għall-pajjiżi kollha taż-Żona Schengen. L-Aġenzija tal-UE għal sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira, l-eu-LISA, hija responsabbli għall-ġestjoni operattiva tal-VIS.

## Eurodac

L-EURODAC hija database tal-UE tal-marki tas-swaba' ta' dawk li jfittxu l-ażil. L-objettiv ewlieni tagħha huwa li sservi l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 ("ir-Regolament ta' Dublin"). Meta xi ħadd japplika għall-ażil, ikunu fejn ikunu fl-UE, il-marki tas-swaba' tagħhom jingħaddu lis-sistema ċentrali tal-EURODAC.

Sa minn meta ġiet stabbilita fl-2003, l-EURODAC tassisti fid-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ażil.

L-EURODAC tinkludi biss marki tas-swaba' (flimkien ma' *data* u l-post tar-reġistrazzjoni) iżda l-ebda informazzjoni personali oħra. Il-pajjiżi li jużaw is-sistema huma t-28 Stat Membru tal-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen: l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

## Eurosur

Is-Sistema Ewropea ta’ Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) tistabbilixxi qafas ta’ governanza għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-**EBCGA (“Frontex”)** sabiex jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni Ewropea u biex tiżdied il-kapaċità ta’ reazzjoni fil-fruntieri esterni. L-għan huwa li tipprevjeni l-kriminalità transkonfinali u l-migrazzjoni irregolari u tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ħajja tal-migranti.

Taħt ir-Regolament dwar l-Eurosur, kull Stat ta’ Schengen għandu Ċentru Nazzjonali ta’ Koordinazzjoni (NCC) li jikkoordina u jiskambja l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni kif ukoll ma’ NCCs oħra u mal-Frontex.

Il-Frontex hija responsabbli biex tikkoordina l-hekk imsejħa applikazzjoni komuni tal-għodod ta’ sorveljanza: l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza mill-Frontex fil-monitoraġġ ta’ żoni magħżula jew bastimenti ta’ interess għall-finijiet tal-Eurosur billi jużaw għodod bħal immaġni bis-satellita jew sistemi ta’ rappurtar tal-vapuri. Dan jista’ jintuża biex jinqabdu każijiet ta’ migrazzjoni irregolari jew kriminalità transkonfinali, iżda wkoll biex tiġi lokalizzata dgħajsa f’diffikultà.

L-Eurosur tintuża fil-pajjiżi kollha taż-żona Schengen, kif ukoll fil-Bulgarija, fir-Rumanija u fil-Kroazja.

## PNR

Ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri jiddeskrivi l-informazzjoni pprovduta mill-passiġġieri lil-linji tal-ajru meta jagħmlu l-prenotazzjonijiet u jwettqu l-proċess ta' check-in. Jista' jinkludi informazzjoni, bħal dati tal-ivvjaġġar, itinerarju tal-ivvjaġġar, informazzjoni dwar il-biljett, dettalji ta' kuntatt, aġent tal-ivvjaġġar, mezzi ta' pagament, numru tas-sit u informazzjoni dwar il-bagalji. Fis-27 ta' April 2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.

L-Istati Membri kollha tal-UE, ħlief id-Danimarka[28], huma meħtieġa li jistabbilixxu entitajiet speċifiċi responsabbli għall-ġbir, għall-ħażna u għall-ipproċessar tad-*data* tal-PNR: l-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIUs). Il-PIUs jiġbru d-*data* tal-PNR mingħand it-trasportaturi tal-ajru permezz ta' sistema tal-IT apposta u jqabblu d-*data* tal-PNR ma' databases tal-infurzar tal-liġi rilevanti. Huma jipproċessawhom ukoll bi tqabbil ma' kriterji determinati minn qabel, sabiex jidentifikaw persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew kriminalità serja. Il-PIUs huma inkarigati wkoll mit-tixrid tad-*data* tal-PNR lill-gwardji tal-fruntiera u awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħra, l-Europol u l-PIUs ta' Stati Membri oħra.

[28] Abbażi tal-Protokoll 22 għat-Trattati, id-Danimarka ma tipparteċipax fid-Direttiva dwar il-PNR.

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**DĠ HOME:** Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni

**EBCG:** Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

**eu-LISA:** Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-Informazzjoni fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

**Eurodac:** Dattiloskopija Ewropea

**Eurosur:** Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri

**Frontex:** *ara EBCG*

**FSI:** Fond għas-Sigurtà Interna

**NCC:** Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

**PNR:** Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri

**SIS II:** Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II

**VIS:** Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

# Glossarju

**Gwardja tal-fruntiera:** kull uffiċjal pubbliku assenjat, skont il-liġi nazzjonali, ma' xi punt ta' qsim tal-fruntiera jew matul il-fruntiera jew fil-viċinanza immedjata ta' dik il-fruntiera li jwettaq xogħol ta' kontroll fuq il-fruntiera.

**Interoperabbiltà:** l-interoperabbiltà hija komunement imsejħa l-abbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni differenti biex jikkomunikaw, jiskambjaw id-*data* u jużaw l-informazzjoni li tkun ġiet skambjata.

**L-ewwel linja:** il-post fejn titwettaq verifika fuq il-persuni kollha fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

**Pajjiżi taż-żona Schengen:** 26 pajjiż Ewropew li eliminaw il-kontrolli kollha tal-passaport fil-fruntieri komuni tagħhom, li 22 minnhom huma Stati Membri tal-UE u 4 huma pajjiżi tal-EFTA: il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera.

**Punt ta' qsim tal-fruntiera:** kwalunkwe punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jinqasmu l-fruntieri esterni.

**Stati Assoċjati ma' Schengen:** erba' stati membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera), li mhumiex membri tal-UE, iżda ffirmaw ftehimiet f'assoċjazzjoni mal-Ftehim ta' Schengen.

**Verifika tat-tieni linja:** verifika ulterjuri li tista' titwettaq f'lok speċjali lil hinn mil-lok li fih titwettaq verifika fuq kull persuna (l-ewwel linja).

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"SISTEMI TA' INFORMAZZJONI TAL-UE LI JAPPOĠĠAW IL-KONTROLL TAL-FRUNTIERI — GĦODDA B'SAĦĦITHA, IŻDA JEĦTIEĠ LI JKUN HEMM AKTAR ENFASI FUQ *DATA* F'WAQTHA U KOMPLUTA"**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

II Huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) miġbura skont id-Direttiva dwar il-PNR ma tistax tintuża għal skopijiet ta' kontroll tal-fruntieri/immigrazzjoni, iżda biss għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu.

VI L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-PNR kienet il-25 ta' Mejju 2018. Għalhekk, huwa strument relattivament ġdid, meta mqabbel ma' sistemi oħra koperti mill-awditu tal-QEA.

L-Istati Membri huma meħtieġa li jgħammru l-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom bil-ħardwer u s-softwer għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. Biex tiġi stabbilita l-konnettività ma' trasportatur tal-ajru huwa proċess twil u kkumplikat, li ma jiddependix kompletament fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, id-dejta tal-PNR ma tistax tinġabar u tiġi pproċessata mingħajr bażi legali (jiġifieri qabel ma l-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali jkunu ġew adottati u daħlu fis-seħħ). Dawn il-fatturi kollha jispjegaw għaliex jista' jieħu ż-żmien qabel ma l-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali jsiru kompletament operattivi. Il-Kummissjoni għenet lill-Istati Membri tul il-proċess ta' implimentazzjoni, inkluż billi tagħmel il-finanzjament tal-UE disponibbli għall-akkwist u l-iżvilupp tal-ħardwer u s-softwer meħtieġa.

Il-Kummissjoni ma tqisx li kien hemm dewmien twil fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IT għall-Eurosur.

In-netwerk ta' komunikazzjoni tal-Eurosur, li jgħaqqad iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri għas-sorveljanza tal-fruntieri ma' xulxin u mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ġie stabbilit fil-ħin, li jippermetti pereżempju l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera.

Madankollu, tabilħaqq kien hemm dewmien fil-finalizzazzjoni tal-proċess ta' akkreditazzjoni għall-iskambju ta' xi informazzjoni minħabba rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

VII Il-Kummissjoni taqbel mal-QEA li skadenzi konkreti u vinkolanti għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri kkonċernati għandhom isaħħu b'mod konsiderevoli l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u jagħlqu malajr il-lakuni identifikati.

Rigward il-perjodu ta' żmien għall-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni qed teżamina l-bidliet proċedurali possibbli biex jitqassar dan il-perjodu ta' żmien.

VIII Bil-fluss dejjem akbar tal-passiġġieri, huwa importanti li jsir investiment f'soluzzjonijiet li jippermettu kontroll sistematiku fis-sistemi rilevanti kollha għall-passiġġieri kollha, irrispettivament mis-sitwazzjoni partikolari jew il-kju tal-passiġġieri.

Fir-rigward tas-setgħat ta' infurzar tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri. Għalhekk, għalkemm il-Kummissjoni ma għandhiex aċċess għad-*data* tas-SIS u ma tistax tivvaluta każijiet individwali, hija tista' tivverifika li l-istrutturi u l-mekkaniżmi huma fis-seħħ fil-livell nazzjonali biex tiġi żgurata kwalità għolja ta' data fis-SIS.

X Fir-rigward tad-*data* fis-SIS, hemm sett miftiehem ta' *data* obbligatorja li mingħajrha ma tistax tinħoloq twissija (għalhekk kwalunkwe twissija hija dejjem kompluta) iżda hemm ukoll *data* li tkun disponibbli biss jekk tkun disponibbli jew jekk titqies bħala sigura biex tinkludi l-awtoritajiet emittenti. Informazzjoni supplimentari tista' tkun disponibbli wkoll fl-uffiċċju SIRENE. L-utenti aħħarin dejjem jingħataw istruzzjonijiet fit-twissija biex jikkuntattjaw lill-uffiċċju nazzjonali SIRENE tagħhom (f'xi każijiet immedjatament).

Rigward il-VIS u l-pożittivi foloz, il-VIS bħala regola ġenerali fiha *data* bijometrika (10 marki tas-swaba' ta' kwalità tajba), dment li l-kontrolli jsiru kif suppost (marki tas-swaba' ta' persuna), dan ifisser li riżultati pożittivi foloz mhumiex kwistjoni għall-VIS. Barra minn hekk, is-sejbiet tal-2016 REFIT tal-VIS juru li l-kwalità tad-*data*, inkluż għall-bijometriċi, hija tajba ħafna fil-VIS.

XI Fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Eurosur tal-2018, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-puntwalità differenti tal-Istati Membri meta daħħlu l-informazzjoni fil-Eurosur. Għaldaqstant, din il-kwistjoni ġiet indirizzata fir-Regolament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (li issa jinkludi wkoll l-Eurosur), li jippermetti li fil-futur jintlaħaq qbil dwar regoli vinkolanti ta' implimentazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni tal-Eurosur.

XII Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet.

**INTRODUZZJONI**

03 Id-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-persekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, magħrufa bħala d-Direttiva dwar il-PNR ma toħloqx sistema tal-IT ċentralizzata fil-livell tal-UE. Kull Stat Membru għandu l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIU) tiegħu stess, li tiġbor, tipproċessa u taħżen id-dejta tal-PNR. Il-PIUs nazzjonali tal-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu jew jitolbu *data* tal-PNR mill-PIUs ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-PNR.

Il-Eurosur mhijiex sistema ta' informazzjoni speċifika komparabbli mal-SIS VIS jew il-PNR iżda "qafas komuni għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri" u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex). Id-*data* fil-Eurosur tista' tinġabar minn sistemi ta' informazzjoni differenti.

**OSSERVAZZJONIJIET**

20 Il-komponenti nazzjonali tas-SIS II u l-VIS huma taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

24 Il-Eurosur qed tipprovdi qafas mhux biss għall-iskambju ta' informazzjoni, iżda wkoll għal kooperazzjoni, b'komponenti differenti. In-netwerk ta' komunikazzjoni tal-Eurosur ġie

stabbilit fil-ħin, u jgħaqqad l-Istati Membri parteċipanti kollha 2013/2014 ma' xulxin u mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex). Madankollu, kien hemm xi dewmien fil-finalizzazzjoni tal-akkreditazzjoni tan-netwerk ta' komunikazzjoni tal-Eurosur sa fejn huwa kkonċernat l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

27 L-akkreditazzjoni tas-sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata fin-netwerk ta' komunikazzjoni tal-Eurosur iddewmet, iżda għandu jiġi nnutat li din it-tip ta' informazzjoni tkopri biss parti żgħira ħafna tal-informazzjoni li qed tiġi skambjata.

28 Il-Kummissjoni kontinwament appoġġat lill-Istati Membri fil-proċess ta' implimentazzjoni u applikazzjoni permezz ta' finanzjament, assistenza, faċilitazzjoni ta' skambju bejn il-pari permezz ta' organizzazzjoni ta' laqgħat regolari u sessjonijiet ta' ħidma u l-għoti ta' taħriġ (l-aktar permezz tas-CEPOL).

29 Sadanittant, in-Netherlands u l-Finlandja nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-PNR (il-Finlandja fil-25 ta' Ġunju 2019 u n-Netherlands fit-8 ta' Lulju 2019).

30 L-istabbiliment ta' konnettività mal-linji tal-ajru huwa proċess li huwa teknikament kumpless u twil li jista' jieħu bejn 6 u 9 xhur għal kull linja tal-ajru. Din tinvolvi kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' prenotazzjoni lil-linji tal-ajru. It-talbiet biex il-kumpaniji tal-ajru jiġu konnessi ma' PIUs kibru fin-numru mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-PNR.

Ta' min jinnota wkoll li minn Marzu 2019 'l hawn ħafna Stati Membri għamlu progress sinifikanti ħafna fir-rigward tal-proċess ta' konnettività.

31 Is-sistema hija relattivament ġdida u għadha fil-fażi ta' implimentazzjoni.

Id-*data* tal-PNR ma tiġix kontroverifikata biss mal-bażijiet tad-*data* iżda tista' tiġi ċċekkjata wkoll kontra regoli ta' mmirar stabbiliti minn qabel biex jiġu identifikati passiġġieri li jikkorrispondu għal ċerti profili, abbażi tal-intelligence disponibbli.

Din it-teknika tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi li mhumiex magħrufa mill-awtoritajiet, iżda li huma involuti f'attivitajiet illegali bħat-terroriżmu jew it-traffikar.

32 Id-*data* tal-PNR tista' tintuża biss fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja kif definit fid-Direttiva dwar il-PNR. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-SIS huwa usa' (pereżempju jistgħu jiġu introdotti twissijiet f'każijiet ta' reati li mhumiex koperti mid-Direttiva dwar il-PNR).

Id-*data* tal-PNR hija *data* pprovduta mill-passiġġieri meta jibbukkjaw it-titjiriet tagħhom. Għal titjiriet ġewwa l-UE ma fihiex *data* tal-API (jiġifieri *data* minn dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali, bħad-data tat-twelid; id-data tat-twelid hija kruċjali fl-identifikazzjoni tal-persuni). Għalhekk, id-*data* tal-PNR hija kemm mhux verifikata kif ukoll inkompleta mill-perspettiva tal-infurzar tal-liġi.

Il-kumpaniji tal-ajru jittrasferixxu d-*data* tal-passiġġieri kollha. Biex din id-*data* titqabbel mal-bażijiet tad-*data* u r-regoli mmirati tippermetti li jiġu identifikati persuni suspettati magħrufa jew mhux magħrufa.

Is-SIS II hija waħda mill-bażijiet ta' *data* użati mill-awtoritajiet nazzjonali fl-ipproċessar tad-data tal-PNR.

40 Apparti żjarat regolari, hemm ukoll diversi evalwazzjonijiet mhux imħabbra kull sena. Matul dawn iż-żjarat, huwa possibbli li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti. Kien hemm żjara waħda mhux imħabbra u erba' żjarat mill-ġdid li jikkonċernaw is-SIS II.

41 Il-Kummissjoni torganizza żjara mill-ġdid bl-għan speċifiku li tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti.

Kaxxa 2 — Biex wieħed jolqot il-mira ġusta

Għandu jiġi nnutat li tqabbil fis-SIS iseħħ meta tfittxija tiżvela l-eżistenza ta' twissija maħruġa minn Stat Membru ieħor (ir-riżultat ta' tiftix awtomatizzat). Lista ta' "tqabbiliet" potenzjali tintwera lill-utent aħħari (pereżempju, il-gwardjan tal-fruntiera) li jrid jivverifika t-tqabbiliet. Dejjem ikun hemm verifika manwali, kif rikjest mil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Wara l-verifika manwali biss, it-tqabbiliet jiġu kkonfermati u ssir l-hekk imsejħa "hit".

58 Din il-kwistjoni kienet ġiet indirizzata fir-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li se jidħol fis-seħħ aktar tard din is-sena u li se jħassar ir-Regolament Eurosur attwali.

B'mod partikolari l-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta se timmonitorja d-dejta skambjata u se tinforma lill-Istati Membri kollha f'ħin reali dwar l-istatus tar-rappurtar.

Ir-rappurtar dwar il-Punti ta' Qsim tal-Fruntiera se jsir obbligatorju.

61 L-użu tal-VIS biex tikkontrolla lid-detenturi tal-viża fil-fruntiera huwa obbligu li joħroġ mill-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen jista' jintuża biex tiġi analizzata din id-diskrepanza possibbli biex jiġi żgurat li l-viżi jiġu sistematikament iċċekkjati mal-VIS.

68 Dawn huma kwistjonijiet potenzjali li jeħtieġ li jiġu kontroverifikati mill-awtorità responsabbli, u ma jiġux ikkonfermati żbalji ta' kwalità tad-dejta. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li n-numru jinkludi wkoll it-twissijiet kollha li diġà ġew ivverifikati mill-Istati Membri u li għalihom huwa kkonfermat li ma jirrappreżentawx kwistjoni dwar il-kwalità tad-*data*. Dawn it-twissijiet ivverifikati ma jitneħħewx mir-rapport dettaljat iżda jibqgħu fir-rapport sakemm it-twissija tkun teżisti.

71 Il-leġislazzjoni tas-SIS tiddefinixxi s-sett ta' *data* li jista' jiddaħħal fit-twissija (l-Artikolu 20 komuni tad-Deċiżjoni SIS II u r-Regolament SIS II). Il-minimizzazzjoni tad-*data* hija prinċipju importanti tal-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi wkoll is-sett minimu ta' *data*, li mingħajrha ma tista' tinħoloq l-ebda twissija. Għalhekk, kwalunkwe twissija li jkun fiha dawk l-elementi tad-*data* minimi tkun twissija kompluta. Elementi tad-*data* (fakultattivi) oħra għandhom jiddaħħlu, meta jkunu disponibbli. F'każ li tali *data* fakultattiva ma tiddaħħalx, il-Kummissjoni tista' tassumi biss li d-*data* ma tkunx disponibbli għall-awtorità emittenti.

72 L-obbligu li titwettaq verifika manwali huwa rekwiżit tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (Regolament (UE)

2016/679) u d-Direttiva dwar il-Pulizija dwar il-protezzjoni tad-*data* (id-Direttiva (UE) 2016/680)). Barra minn hekk, huwa rekwiżit skont id-Direttiva dwar il-PNR.

Il-biċċa l-kbira tad-*data* tal-PNR hija insuffiċjenti, irrilevanti u xi kultant mhux affidabbli għal finijiet ta' kontroll tas-SIS eż., id-*data* tal-PNR mingħajr valuri API tista' tiġi vverifikata biss ma' sett limitat ħafna ta' *data* tas-SIS. Barra minn hekk, il-fatt li d-data tal-PNR hija bbażata fuq awtodikjarazzjoni iqajjem kwistjonijiet ta' affidabbiltà.

74 Ġustament il-QEA tiġbed l-attenzjoni li l-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi l-qafas legali tal-VIS (COM (2018) 302), li bħalissa qed jiġi diskuss bejn il-koleġiżlaturi, jipprovdi għall-inklużjoni tal-viżi nazzjonali u l-permessi tar-residenza fil-VIS. B'hekk, il-lakuna ta' informazzjoni msemmija mill-QEA tkun magħluqa. Filwaqt li huwa minnu li jiġu inklużi biss dokumenti ta' soġġorn twil li jkunu għadhom kif inħarġu, din hija kwistjoni li tgħib maż-żmien peress li d-dokumenti għal soġġorn fit-tul għandhom perjodu ta' validità limitat u għandhom jiġġeddu/jinbidlu.

75 Il-kwistjoni ta' formati differenti tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri ġiet indirizzata fir-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li huwa mistenni li jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2019 u li se jħassar ir-Regolament Eurosur attwali.

Ir-rapportar fil-Eurosur se jiġi standardizzat permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

76 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 75.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' gateways ta' skambju ta' informazzjoni awtomatizzati biex jiġu limitati l-inputs tad-data doppji.

79 Il-kwistjoni ta' żmien għar-rappurtar tal-informazzjoni ġiet indirizzata fir-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li huwa mistenni li jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2019 u li se jħassar ir-Regolament Eurosur attwali.

L-att ta' implimentazzjoni dwar l-Eurosur se jindirizza ż-żmien għar-rappurtar ta' informazzjoni fil-Eurosur kif ukoll il-livell ta' responsabbiltà għar-rappurtar.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

84 Il-komponenti nazzjonali tas-SIS II u l-VIS huma taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

85 Il-Kummissjoni, l-Istati Membri, is-CEPOL u l-eu-LISA żguraw taħriġ komuni regolari għall-uffiċjali tas-SIRENE fil-qasam tas-SIS II/SIRENE. Saret ukoll analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ.

L-Istati Membri qegħdin dejjem aktar jikkunsidraw li jinvestu f'ambjenti ta' taħriġ prattiku/integrat.

Il-leġiżlazzjoni emendata li tistabbilixxi s-sistemi tal-IT rilevanti (eż. SIS II) se tipprevedi l-possibbiltà li l-Aġenzija EBCG (Frontex) tiżviluppa interfaċċi speċifiċi adattati għall-użu mill-uffiċjali mistiedna skjerati fi kwalunkwe Stat Membru.

### Rakkomandazzjoni 1 — Promozzjoni ta' l-użu ta' l-ambjenti ta' taħriġ tas-SIS II u l-VIS

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1.

86 Fir-rigward tal-Eurosur, għandu jiġi rrilevat li hija biss parti mill-informazzjoni li qed tiġi skambjata. Pereżempju, hemm il-possibbiltà iżda m'hemm l-ebda obbligu għall-Istati Membri mingħajr fruntieri esterni fuq l-art u tal-baħar biex jiskambjaw informazzjoni dwar il-fruntieri tal-ajru. Madankollu, permezz tar-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-kontrolli fil-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri tal-ajru ġew inklużi wkoll fil-Eurosur (bħala obbligu), li jfisser li fil-futur kważi l-Istati Membri kollha se jipprovdu informazzjoni b'mod attiv fil-Eurosur.

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 24-32.

**Rakkomandazzjoni 2 — Veloċità fil-korrezzjoni ta' dgħufijiet misjuba matul l-evalwazzjonijiet ta' Schengen**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 2.

**Rakkomandazzjoni 3 — Diskrepanzi ta' analiżi fil-kontrolli tal-viża**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 3.

**Rakkomandazzjoni 4 — Titjib tal-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-dejta**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 4.

Il-Kummissjoni u l-eu-LISA bħalissa huma diġà fil-proċess li jtejbu l-mekkaniżmu. Il-punt jiġi indirizzat regolarment fil-Kumitat tas-SIS-VIS.

95 Il-kwistjoni ta' żmien għar-rappurtar tal-informazzjoni ġiet indirizzata fir-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li huwa mistenni li jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2019 u li se jħassar ir-Regolament Eurosur attwali. L-att ta' implimentazzjoni dwar l-Eurosur se jindirizza ż-żmien għar-rappurtar ta' informazzjoni fil-Eurosur kif ukoll il-livell ta' responsabbiltà għar-rappurtar.

**Rakkomandazzjoni 5 — Jitnaqqas id-dewmien biex tiddaħħal id-*data***

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 5(a).

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 5(b).

Il-Kummissjoni taqbel mal-parti dwar l-Eurosur. Il-kwistjoni tal-iskadenzi dwar id-dħul tad-*data* ġiet indirizzata fir-Regolament il-ġdid tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li huwa mistenni li jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2019, li ser iħassar ir-Regolament Eurosur attwali u li ser jippermetti li fil-futur jintlaħaq qbil dwar regoli vinkolanti ta' implimentazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni tal-Eurosur.

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar Azzjoni esterna/Sigurtà u ġustizzja, immexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA li ngħatat appoġġ minn Katja Mattfolk, Kap tal-Kabinett u Kim Storup, Attaché tal-Kabinett; Alejandro Ballester Gallardo, Maniġer Prinċipali; Piotr Senator, Alexandre Tan u Mirko Iaconisi, Awdituri. Michael Pyper ipprovda appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Mirko Iaconisi, Piotr Senator, Michael Pyper, Bettina Jakobsen, Alejandro Ballester Gallardo, Katja Mattfolk.

# Kronoloġija

| Avveniment | Data |
| --- | --- |
| Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda | 17.4.2018 |
| L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata) | 11.7.2019 |
| Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja | 8.10.2019 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha | 31.10.2019 |

© Unjoni Ewropea, 2019.
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| MT | PDF | ISBN 978-92-847-3855-7 | doi:10.2865/150718 | QJ-AB-19-020-MT-N |
| MT | HTML | ISBN 978-92-847-3823-6 | doi:10.2865/948301 | QJ-AB-19-020-MT-Q |

L-abolizzjoni tal-verifiki fil-fruntieri, jiġifieri fil-fruntieri interni taż-żona Schengen saħħet l-importanza ta' kontroll u sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni tagħha. Sabiex tgħin lill-gwardji tal-fruntiera jwettqu dawn il-kontrolli, l-UE stabbiliet għadd ta' sistemi ta' informazzjoni. L-awditu tagħna eżamina jekk is-sistemi prinċipali ta' informazzjoni tal-UE għas-sigurtà interna jappoġġjawx il-kontrolli fil-fruntieri b'mod effiċjenti. Aħna sibna li l-gwardji tal-fruntieri qed jużaw u jiddependu dejjem aktar mis-sistemi meta jwettqu l-verifiki fil-fruntieri. Madankollu, attwalment hemm xi *data* li mhijiex inkluża fis-sistemi, filwaqt li *data* oħra jew mhijiex kompleta jew inkella ma tiddaħħalx b'mod f'waqtu. Dan inaqqas l-effiċjenza ta' xi verifiki fil-fruntieri. Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet, pereżempju li l-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità tad-*data* jittejbu u li d-dewmien tad-dħul tad-*data* kif ukoll iż-żmien meħtieġ biex jiġu identifikati d-dgħufijiet jitnaqqas.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

CURIA RATIONUM

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

**IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

© Unjoni Ewropea, 2019.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.